32004D0658

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2004/658/PESK

tat-13 ta' Settembru 2004

dwar id-disposizzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-*budget* ġenerali ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/551/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-istabbiliment ta' Aġenzija tad-Difiża Ewropea (*EDA*) u b'mod partikolari l-Artikolu 18 paragrafu 1 tagħha [1],

Billi:

(1) L-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK tipprovdi li d-disposizzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-*budget* ġenerali għandhom jiġu approvati mill-Kunsill, b'unanimità. Il-Bord Direttiv għandu, fi żmien sena mill-adozzjoni ta' dik l-Azzjoni Konġunta, jirrevedi u jemenda dawn id-disposizzjonijiet, skond il-bżonn;

(2) Il-Bord Direttiv, meta jirrivedi dawn id-disposizzjonijiet, għandu jirrispetta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħol, kuntratti pubbliċi ta' provvista u kuntratti pubbliċi ta' servizzi [2] u għandu jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-kuntratti li jridu jiġu konklużi mill-Aġenzija fl-oqsma fejn id-Direttiva 2004/18/KE ma tapplikax u fejn Stat Membru jista' jieħu miżuri nazzjonali taħt l-Artikolu 296 TKE;

(3) L-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK tipprevedi wkoll li l-Bord Direttiv, fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, għandu jadotta skond il-bżonn ir-regoli implimentattivi li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-*budget*, ġenerali partikolarment fir-rigward ta' l-akkwist pubbliku, mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji pertinenti. Il-Bord Direttiv għandu jiżgura, b'mod partikolari, li jittieħed kont, b'mod xieraq tas-sigurtà tal-forniment u tal-protezzjoni tal-ħtiġijiet konnessi kemm ma' sigrieti tad-difiża kif ukoll mad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali.

(4) Id-disposizzjonijiet u r-regoli finanzjarji msemmija fl-Anness mhumiex applikabbli għal proġetti u programmi *ad hoc* kif imsemmi fl-Artikoli 20 u 21 ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK. Il-Bord Direttiv għandu jirsisti sabiex jistabbilixxi disposizzjonijiet u regoli għal proġetti u programmi *ad hoc*.

(5) Il-*budget* ġenerali inizjali ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea għall-2004 huwa ffokat fuq arranġamenti ta' bidu u għandhom jiġu stabbiliti mingħajr dewmien disposizzjonijiet finanzjarji għall-implimentazzjoni mingħajr problemi tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-disposizzjonijiet finanzjarji applikabbli għall-implimentazzjoni u l-kontroll tal-*budget* ġenerali ta' l-Aġenzija tad-Difiża Ewropea huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Dawn id-disposizzjonijiet finanzjarji għandhom jidħlu fis-seħħ mit-13 ta' Settembru 2004 sa meta jiġu riveduti, emendati jew ikkonfermati skond l-Artikolu 18(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK, jew sal-31 ta' Diċembru 2005, skond liem waħda minn dawn id-dati tiġi l-ewwel.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol b' effett fil-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, nhar it-13 ta' Settembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT

[1] ĠU L 245, tas-17.7.2004, p. 17.
[2] ĠU L 134, tat-30.4.2004, p. 114.

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI APPLIKABBLI GĦALL-*BUDGET* ĠENERALI TA' L-AĠENZIJA TAD-DIFIŻA EWROPEA ("L-Aġenzija")

TITOLU I

ANNWALITÀ

Artikolu 1

1. Il-Kap Eżekuttiv jista' jagħmel trasferimenti minn titolu għal ieħor fil-limitu totali ta' 10 % ta' l-approprjazzjonijiet għas-sena finanzjarja, minn kapitolu għall-ieħor, minn artikolu għall-ieħor.

2. Tlett gimgħat qabel ma jagħmel it-trasferimenti msemmija fil-paragrafu 1, id-Direttur Eżekuttiv għandu jinforma lill-Bord Direttiv bl-intenzjonijiet tiegħu. F'każ fejn jingħataw raġunijiet adegwatament ġustifikati minn xi Stat Membru matul dan il-perjodu, il-Bord Direttiv għandu jieħu deċiżjoni.

3. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jagħmel trasferimenti fl-artikoli u jipproponi trasferimenti oħra lill-Bord Direttiv.

Artikolu 2

1. Dawk l-approprjazzjonijiet li ma jkunux intużaw sa l-aħħar tas-sena finanzjarja li għaliha huma kienu assenjati għandhom jiġu mħassra.

2. Madankollu, dawk l-approprjazzjonijiet ta' impenji li jkunu għadhom ma ġewx impenjati sa l-għeluq tas-sena finanzjarja jistgħu jiġu riportati fir-rigward ta':

(a) ammonti li jikkorrispondu għal approprjazzjonijiet ta' impenji li għalihom il-parti l-kbira ta' l-istadji preparattivi tal-proċedura ta' l-impenn kienet kompletata sal-31 ta' Diċembru. Dawn l-ammonti jistgħu b'hekk jiġu mpenjati sal-31 ta' Marzu tas-sena segwenti;

(b) ammonti meħtieġa meta xi programm jew proġett kien stabbilit fl-aħħar tliet xhur tas-sena finanzjarja u l-Aġenzija ma setgħetx timpenja l-approprjazzjonijiet provduti għal dan l-iskop sal-31 ta' Diċembru.

3. Jistgħu jiġu riportati approprjazzjonijiet għal pagamenti fir-rigward ta' ammonti meħtieġa biex ikopru impenji eżistenti jew impenji konnessi ma' approprjazzjonijiet għal impenji li kienu ġew riportati, meta l-approprjazzjonijiet provduti għal-linji rilevanti fil-*budget* għas-sena finanzjarja segwenti ma jkoprux il-ħtiġijiet. L-Aġenzija għandha l-ewwel tuża l-approprjazzjonijiet awtorizzati għas-sena finanzjarja kurrenti u m' għandhiex tuża l-approprjazzjonijiet riportati sakemm ta' l-ewwel ma jkunux eżawriti.

4. Dawk l-approprjazzjonijiet imqiegħda fir-riserva u l-approprjazzjonijiet allokati għall-ispiża tal-persunal ma jistgħux jiġu riportati.

5. Id-dħul riżervat li ma jintużax u l-approprjazzjonijiet disponibbli fil-31 ta' Diċembru li jkunu ġejjin minn dħul riservat imsemmi fl-Artikolu 15 ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK għandhom jiġu riportati awtomatikament u jistgħu jintużaw biss għall-iskop speċifiku li għalih kienu assenjati. Għandhom jintużaw l-ewwel dawk l-approprjazzjonijiet disponibbli li jikkorrispondu għal dħul riżervat li jkun ġie riportat.

6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jippreżenta proposti lill-Bord Direttiv dwar riportati kull sena sal-15 ta' Frar. Il-Bord Direttiv għandu jieħu deċiżjoni sal-15 ta' Marzu.

TITOLU II

L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-*BUDGET* ĠENERALI

KAPITOLU 1

L-atturi finanzjarji

Sezzjoni 1

Il-prinċipju tas-segregazzjoni tad-doveri

Artikolu 3

Id-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti u l-uffiċjal kontabbli għandhom ikunu segregati u reċiprokament inkompatibbli.

Sezzjoni 2

L-uffiċjal awtorizzanti

Artikolu 4

1. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jwettaq id-doveri ta' uffiċjal awtorizzanti f'isem l-Aġenzija.

2. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi fir-regoli amministrattivi interni tagħha dak il-persunal, ta' livell xieraq, li lilu d-Direttur Eżekuttiv jista' jiddelega b'konformità mal-kondizzjonijiet fir-regoli ta' proċedura ta' l-Aġenzija, id-doveri ta' l-uffiċjal awtorizzanti, l-ambitu tal-poteri delegati u l-possibbiltà li l-persuni delegati b'dawn il-poteri jistgħu jissubdelegawhom.

3. Il-poteri ta' uffiċjal awtorizzanti għandhom jiġu delegati jew subdelegati biss lil persuni msemmija fl-Artikolu 11(3)(3.1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK.

4. Uffiċjali awtorizzanti b'delega jew b'subdelega jistgħu jagħixxu biss fil-limiti stabbiliti bl-istrument ta' delega jew ta' subdelega. L-uffiċjali awtorizzanti b'delega jew b'subdelega responsabbli jista' jiġi assistit fil-kompitu tiegħu minn membru jew aktar tal-persunal li jkunu fdati, taħt ir-responsabbiltà tiegħu, bl-eżekuzzjoni ta' ċerti operazzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-*budget* u l-preżentazzjoni tal-kontijiet.

Artikolu 5

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jkun responsabbli li jimplimenta d-dħul u l-infiq skond il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba u li jiżgura konformità mar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità.

2. Sabiex jimplimenta l-infiq, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega għandu jagħmel impenji finanzjarji u impenji legali, għandu jikkonvalida infiq u jawtorizza pagamenti u għandu jagħti bidu għall-proċeduri preliminarji għall-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet.

3. L-implimentazzjoni tad-dħul għandha tikkomprendi t-tfassil ta' l-estimi ta' ammonti mistennija bħala dħul, id-determinazzjoni ta' drittijiet li jridu jiġu rkuprati u l-hruġ ta' ordnijiet ta' rkupru. Għandha tinkludi, fejn xieraq, ir-rinunzja għal drittijiet stabbiliti.

4. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jistabbilixxi, konformement ma' l-i*standards* minimi adottati mill-Aġenzija u bil-kont dovut meħud tar-riskji assoċjati ma' l-ambjent amministrattiv u man-natura ta' l-azzjonijiet finanzjati, l-istruttura organizzattiva u l-proċeduri interni ta' amministrazzjoni u kontroll adattati għall-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu, inklużi fejn ikun xieraq il-verifiki *ex post*. Qabel ma tiġi awtorizzata operazzjoni, l-aspetti operazzjonali u finanzjarji għandhom jiġu vverifikati minn membri tal-persunal ħlief il-membru li beda l-operazzjoni. L-inizjazzjoni u l-verifiki *ex ante* u *ex post* ta' operazzjoni għandhom ikunu funzjonijiet separati.

5. Il-persunal kollu li jkun responsabbli għall-kontroll ta' l-amministrazzjoni ta' operazzjonijiet finanzjarji għandu jkollu l-kompetenza professjonali meħtieġa. Għandu jirrispetta kodiċi speċifiku ta' *standards* professjonali stabbilit mill-Aġenzija.

6. Kwalunkwe membru tal-persunal involut fl-amministrazzjoni finanzjarja u l-kontroll tat-tranżazzjonijiet li jikkonsidra li xi deċiżjoni li huwa mitlub japplika jew jaqbel magħha mis-superjur tiegħu hija irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba jew kontra r-regoli professjonali li huwa meħtieġ josserva għandu jinforma bil-miktub lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega u, jekk dan ta' l-aħħar jonqos milli jieħu azzjoni, lill-panel imsemmi fl-Artikolu 13(4). Fil-każ ta' xi attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi ta' l-Aġenzija, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet u l-korpi indikati fil-liġi applikabbli.

7. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jirrapporta lill-Bord Direttiv dwar l-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu permezz ta' rapport annwali dwar l-attività tiegħu flimkien ma' informazzjoni finanzjarja u amministrattiva. Dan ir-rapport għandu jindika r-riżultati ta' l-operazzjonijiet b'riferenza għall-għanijiet stabbiliti, għar-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet, ma' l-użu li jsir tar-riżorsi provduti u ma' kif tiffunzjona s-sistema ta' kontroll intern. L-Awditur intern għandu jieħu nota tar-rapport annwali u ta' kwalunkwe element ta' informazzjoni identifikat.

Sezzjoni 3

Is-segregazzjoni tad-doveri ta' inizjazzjoni u verifika ta' operazzjoni

Artikolu 6

1. L-inizjazzjoni ta' operazzjoni għandha tfisser dawk l-operazzjonijiet kollha li jkunu normalment eżegwiti mill-persunal imsemmi fl-Artikolu 5 (4) u (5) u li huma preparatorji għall-adozzjoni ta' l-atti li jimplimentaw il-budget mill-uffiċjal awtorizzanti kompetenti b' delega jew subdelega.

2. Il-verifika *ex ante* ta' operazzjoni għandha tfisser dawk il-kontrolli ex ante kollha li jkunu jsiru mill-uffiċjal awtorizzanti li jkun responsabbli mill-verifika ta' l-aspetti operazzjonali u finanzjarji tagħha.

3. Kull operazzjoni għandha tkun suġġetta almenu għal verifika *ex ante*. L-iskop ta' dik il-verifika għandu jkun l-aċċertament li:

(a) l-infiq u d-dħul saru kif suppost u huma konformi mad-disposizzjonijiet applikabbli, partikolarment dawk tal-*budget* u tar-regolamenti pertinenti u ta' kwalunkwe att adottat fl-implimentazzjoni tat-Trattati, tal-liġijiet applikabbli u, fejn huwa xieraq, tal-kondizzjonijiet kontraenti;

(b) jiġi applikat il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

4. Il-verifiki *ex post* li jsiru ta' dokumenti u, fejn xieraq, fuq il-post għandhom jaċċertaw li l-operazzjonijiet iffinanzjati mill-*budget* ġew implimentati korrettament u partikolarment li ġew sodisfatti l-kriterji msemmija fil-paragrafu 3. Dawn il-verifiki jistgħu jiġu organizzati fuq il-bażi ta' kampjuni bl-użu ta' analiżi tar-riskji.

5. L-uffiċjali jew persunal ieħor responsabbli mill-verifiki msemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu differenti minn dawk li jeżegwixxu l-kompiti ta' inizjazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u m' għandhomx ikunu s-subordinati tagħhom.

Sezzjoni 4

Proċeduri ta' tmexxija u ta' kontroll intern

Artikolu 7

Is-sistemi u l-proċeduri ta' tmexxija u ta' kontroll intern għandhom ikunu magħmula sabiex:

(a) jiksbu l-għanijiet tal-politiki, tal-programmi u ta' l-azzjonijiet ta' l-Aġenzija skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba;

(b) ikunu konformi mar-regoli tal-liġi ta' l-UE u ma' l-i*standards* minimi ta' kontroll stabbiliti mill-Aġenzija;

(ċ) jissalvagwardjaw l-assi u l-informazzjoni ta' l-Aġenzija;

(d) jimpedixxu u jiskopru irregolaritajiet, żbalji u frodi;

(e) jidentifikaw u jimpedixxu riskji fit-tmexxija;

(f) jiżguraw il-produzzjoni affidabbli ta' informazzjoni finanzjarja u amministrattiva;

(g) jżommu dokumenti ta' sostenn li huma konnessi ma' u sussegwenti għall-implimentazzjoni tal-*budget* u għall-miżuri ta' implimentazzjoni tal-*budget*;

(h) jżommu dokumenti konnessi mal-pre-garanziji għall-Aġenzija u jżommu reġistru li jippermetti l-monitoraġġ adegwat ta' tali garanziji.

Sezzjoni 5

L-uffiċjal kontabbli

Artikolu 8

L-Aġenzija għandha taħtar uffiċjal kontabbli minn fost il-persunal imsemmi fl-Artikolu 11 (3.1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK. L-uffiċjal kontabbli għandu jiġi, b' mod obligatorju, maħtur mill-Bord Direttiv abbażi tal-kompetenza partikolari tiegħu kif ippruvata permezz ta' diplomi jew ta' esperjenza professjonali ekwivalenti.

Artikolu 9

1. L-uffiċjal kontabbli għandu jkun responsabbli fl-Aġenzija:

(a) mill-implimentazzjoni korretta tal-pagamenti, mill-ġbir tad-dħul u l-irkupru ta' ammonti stabbiliti bħala ammonti li għandhom jinġabru;

(b) mill-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet;

(ċ) miż-żamma tal-kontijiet;

(d) mill-istipulazzjoni tar-regoli u l-metodi ta' kontabbiltà u mit-tfassil tal-kontijiet;

(e) mill-istipulazzjoni u l-konvalida tas-sistemi tal-kontijiet u fejn ikun xieraq il-konvalida ta' sistemi stabbiliti mill-uffiċjal awtorizzanti għall-preżentazzjoni jew ġustifikazzjoni ta' informazzjoni dwar il-kontijiet;

(f) mill-amministrazzjoni tal-finanzi.

2. L-uffiċjal kontabbli għandu jieħu mill-uffiċjali awtorizzanti, li għandhom jiggarantixxu l-affidabbiltà tagħha, kull informazzjoni meħtieġa għall-produzzjoni ta' kontijiet li jagħtu stampa vera ta' l-assi ta' l-Aġenzija u ta' l-implimentazzjoni tal-*budget*.

3. Salv għal dak li huwa provdut fl-Artikolu 11, l-uffiċjal kontabbli biss għandu s-setgħa li jamministra flejjes u assi oħra. Huwa għandu jkun responsabbli mill-kustodja tagħhom.

Artikolu 10

L-uffiċjal kontabbli jista', fil-qadi ta' dmirijietu, jiddelega ċerti kompiti lil subordinati msemmija fl-Artikolu 11 (3) (3.1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/551/PESK. L-istrument tad-delega għandu jistabbilixxi l-kompiti fdati lid-delegati.

Sezzjoni 6

L-amministratur ta' l-imprest

Artikolu 11

Għall-pagament ta' somom żgħar u għall-kollezzjoni ta' dħul barra l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri parteċipanti, jistgħu jiġu stabbiliti kontijiet ta' l-imprest li għandhom jiġu forniti mill-uffiċjal kontabbli ta' l-Aġenzija u għandhom jitqiegħdu taħt ir-responsabbiltà ta' amministraturi ta' l-imprest nominati mill-uffiċjal kontabbli ta' l-Aġenzija.

KAPITOLU 2

Ir-responsabbiltà ta' l-atturi finanzjarji

Sezzjoni 1

Regoli ġenerali

Artikolu 12

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari, uffiċjali awtorizzanti b'delega jew b'subdelega jistgħu fi kwalunkwe żmien ikollhom id-delega jew subdelega tagħhom irtirata temporanjament jew definittivament mill-awtorità li ħatrithom.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari, l-uffiċjali awtorizzanti jista' fi kwalunkwe żmien jiġi sospiż temporanjament jew definittivament mid-doveri tiegħu mill-awtorità li ħatritu.

3. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni dixxiplinari, l-amministraturi ta' l-imprest jistgħu fi kwalunkwe żmien jiġu sospiżi temporanjament jew definittivament mid-doveri tagħhom mill-awtorità li ħatrithom.

4. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-kapitolu huma mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà taħt il-liġi kriminali li l-persuni msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jġibu fuqhom kif previst fil-liġi nazzjonali applikabbli u fid-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri.

5. Kull uffiċjal awtorizzanti, uffiċjal kontabbli jew amministratur ta' l-imprest għandu jkun espost għal azzjoni dixxiplinari u għall-pagament ta' kumpens. Fil-każ ta' xi attività illegali, frodi jew korruzzjoni li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi ta' l-Aġenzija, il-kwistjoni tiġi riferuta lill-awtoritajiet u l-korpi indikati mil-liġi applikabbli.

Sezzjoni 2

Regoli applikabbli għal uffiċjali awtorizzanti b'delega jew b'subdelega

Artikolu 13

1. L-uffiċjal awtorizzanti jista' jiġi mitlub jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kwalunkwe dannu mġarrab mill-Aġenzija bħala riżultat ta' mġieba serjament ħażina min-naħa tiegħu matul jew konness mal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, partikolarment jekk huwa jiddetermina krediti sabiex jiġu rkuprati jew jagħti ordnijiet ta' rkupru, jimpenja infiq jew jiffirma ordni ta' pagament mingħajr ma jkun konformi ma' dawn id-disposizzjonijiet finanzjarji. L-istess għandu japplika fejn, b' imġieba serjament ħażina, huwa jonqos milli jagħmel dokument li jistabbilixxi l-ammont li għandu jinġabar jew huwa jonqos milli joħroġ ordni ta' rkupru jew, mingħajr ġustifikazzjoni, joħroġ tali ordni tard, jew jonqos milli joħroġ ordni ta' pagament jew, mingħajr ġustifikazzjoni, joħroġ tali ordni tard, tant li b'dan huwa jesponi lill-Aġenzija għal azzjoni ċivili minn terzi.

2. Uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega li jikkonsidra li deċiżjoni li huwa għandu r-responsabbiltà li jieħu hija irregolari jew tmur kontra l-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba għandu jinforma bil-miktub lill-awtorità deleganti. Jekk, wara dan, l-awtorità deleganti tagħti istruzzjoni raġunata bil-miktub lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega sabiex jieħu d-deċiżjoni in kwistjoni, l-uffiċjal awtorizzanti ma jistax jinżamm responsabbli.

3. Fil-każ li ssir subdelega, fi ħdan is-servizzi tiegħu, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jibqa' responsabbli għall-effikaċja tas-sistemi interni ta' tmexxija u kontroll stabbiliti u għall-għażla ta' l-uffiċjal awtorizzanti b'subdelega.

4. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi *panel* speċjalizzat dwar l-irregolaritajiet finanzjarji li għandu jiffunzjona indipendentement u jiddetermina jekk saritx xi irregolarità finanzjarja u x'għandhom ikunu, jekk ikun il-każ, il-konsegwenzi. Abbażi ta' l-opinjoni ta' dan il-*panel*, l-Aġenzija għandha tiddeċiedi jekk tagħtix bidu għal proċedimenti li jwasslu għal azzjoni dixxiplinari jew għal pagament ta' kumpens. Jekk il-*panel* jiskopri problemi sistematiċi għandu jibgħat rapport b'rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti u lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega, sakemm dan ta' l-aħħar ma jkunx il-persuna involuta, kif ukoll lill-awditur intern.

Sezzjoni 3

Regoli applikabbli għal uffiċjali kontabbli u amministraturi ta' l-imprest

Artikolu 14

Uffiċjal kontabbli jista' jiġi mitlub jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kwalunkwe dannu mġarrab mill-Aġenzija bħala riżultat ta' mġieba serjament ħażina min-naħa tiegħu matul jew konness ma' l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu. Partikolarment, huwa jkun responsabbli b' xi waħda mill-forom ta' mġieba ħażina li ġejja:

(a) huwa jitlef jew jagħmel ħsara lil flejjes, assi u dokumenti fil-kustodja tiegħu;

(b) huwa skorrettament jibdel kontijiet tal-bank jew kontijiet bankopostali;

(ċ) huwa jirkupra jew iħallas ammonti li mhumiex konformi ma' l-ordnijiet korrispondenti ta' rkupru jew pagament;

(d) huwa jonqos milli jiġbor dħul li huwa dovut.

Artikolu 15

Uffiċjal ta' l-imprest jista' jiġi mitlub jagħmel tajjeb, kompletament jew parzjalment, għal kwalunkwe dannu mġarrab mill-Aġenzija bħala riżultat ta' mġieba serjament ħażina min-naħa tiegħu matul jew konness ma' l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu. Partikolarment, huwa jista' jkun responsabbli minħabba xi waħda mill-forom li ġejjin ta' mġieba ħażina:

(a) huwa jitlef jew jagħmel ħsara lil flejjes, assi u dokumenti fil-kustodja tiegħu;

(b) huwa ma jistax jipprovdi dokumenti adegwati ta' sostenn għall-pagamenti li huwa jkun għamel;

(ċ) huwa jagħmel pagamenti lil persuni li ma jkunux dawk intitolati;

(d) huwa jonqos milli jiġbor dħul li huwa dovut.

KAPITOLU 3

Operazzjonijiet ta' dħul

Sezzjoni 1

Kif id-dħul ta' l-Aġenzija jiġi magħmul disponibbli

Artikolu 16

Għandha ssir entrata fil-budget ġenerali, f'euro, ta' stima tad-dħul kostitwit minn dħul mixxellanju u l-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri parteċipanti. Il-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri parteċipanti għandhom ikopru it-total ta' l-approprjazzjonijiet imniżżla fil-budget ġenerali wara li jiġi mnaqqas id-dħul mixxellanju.

Sezzjoni 2

L-istima ta' l-ammonti li għandhom jinġabru

Artikolu 17

1. Għandha ssir stima ta' l-ammont li għandu jinġabar mill-uffiċjal awtorizzanti li jkun responsabbli fir-rigward ta' kwalunkwe miżura jew sitwazzjoni li tista' tistabbilixxi jew tbiddel xi ammont dovut lill-Aġenzija.

2. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jagħmel ordni ta' rkupru fir-rigward ta' dawn l-ammonti.

Sezzjoni 3

L-iffissar ta' l-ammonti li għandhom jinġabru

Artikolu 18

1. L-iffissar ta' ammont li għandu jinġabar huwa l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega:

(a) jivverifika li jeżisti d-debitu;

(b) jiddetermina jew jivverifika r-realtà u l-ammont tad-debitu;

(ċ) jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom id-debitu huwa dovut.

2. Id-dħul ta' l-Aġenzija u kwalunkwe ammont li għandu jinġabar li jiġu identifikati bħala ċerti, ta' ammonti fissi u dovuti għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ordni ta' rkupru lill-uffiċjal kontabbli u, wara dan, b'nota ta' debitu lid-debitur, li jkunu t-tnejn magħmula mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

3. Għandhom jiġu rkuprati dawk l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu.

Sezzjoni 4

L-awtorizzazzjoni ta' rkupru

Artikolu 19

1. L-awtorizzazzjoni ta' rkupru hija l-att li permezz tagħha l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega responsabbli jordna lill-uffiċjal kontabbli, billi jagħmel ordni ta' rkupru, sabiex jirkupra xi ammont li għandu jinġabar iffissat minnu.

2. L-Aġenzija tista' formalment tiffissa ammont bħala wieħed li għandu jinġabar minn persuni li ma jkunux Stati permezz ta' deċiżjoni li l-infurzar tagħha għandu jkun gvernat mir-regoli ta' proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu hija tkun esegwita.

Sezzjoni 5

L-irkupru u l-imgħax fuq l-inadempjenza

Artikolu 20

1. L-uffiċjal kontabbli għandu jaġixxi fuq l-ordnijiet ta' rkupru għal ammonti li għandhom jinġabru li jkunu debitament iffissati mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega jew b'subdelega responsabbli. Huwa għandu jeżerċita diliġenza xierqa sabiex jiżgura li l-Aġenzija tiġbor id-dħul tagħha u għandu jara li jiġu protetti d-drittijiet tagħha.

L-uffiċjal kontabbli għandu jirkupra ammonti billi jpaċihom kontra talbiet ekwivalenti li l-Aġenzija jkollha ma' kwalunkwe debitur li jkollu kreditu huwa stess ma' l-Aġenzija li jkun ċert, ta' ammont fiss u dovut.

2. Fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun qiegħed jaħseb sabiex jirrinunċja għall-irkupru ta' xi ammont iffissat li għandu jinġabar, huwa għandu jiżgura li r-rinunċja hija magħmula sewwa u li hija konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba u ta' proporzjonalità skond il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti fir-regoli implimentattivi. Id-deċiżjoni ta' rinunċja għandha tiġi ssostanzjata.

Artikolu 21

1. Kwalunkwe ammont li għandu jinġabar u li ma jiġix imħallas fid-data stipulata għandu jrendi imgħax skond il-paragrafi 2 u 3.

2. Ir-rata ta' imgħax għal ammonti li għandhom jinġabru u li ma jiġux imħallsa fid-data stipulata għandha tkun ir-rata applikabbli mill-Bank Ċentrali Ewropew fl-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament, kif ippubblikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tal-kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data stipulata, miżjuda:

(a) b'seba' punti perċentwali meta l-kawża ta' l-obbligazzjoni hija kuntratt ta' provvista u servizz pubbliku;

(b) tliet punti u nofs perċentwali fil-każijiet l-oħra kollha.

3. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat mill-ġurnata kalendarja li tiġi wara d-data stipulata speċifikata fin-nota ta' debitu sal-ġurnata kalendarja li fiha d-dejn jitħallas kollu.

4. Kwalunkwe pagament parzjali għandu l-ewwel ikopri l-imgħax iffissat skond il-paragrafi 2 u 3.

5. Fil-każ ta' xi penalità, fejn id-debitur jipprovdi garanzija finanzjarja li tiġi aċċettata mill-uffiċjal kontabbli minflok pagament parzjali, ir-rata ta' imgħax applikabbli mid-data stipulata għandha tkun ir-rata msemmija fil-paragrafu 2 miżjuda biss b'punt wieħed perċentwali u nofs.

KAPITOLU 4

Operazzjonijiet ta' infiq

Artikolu 22

1. Kull partita ta' infiq għandha tkun impenjata, konvalidata, awtorizzata u mħallsa.

2. L-impenn ta' l-infiq għandu jiġi preċedut minn deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-Aġenzija jew mill-awtoritajiet li lilhom ġew delegati poteri mill-Aġenzija.

Sezzjoni 1

L-impenn ta' infiq

Artikolu 23

1. L-impenn tal-budget huwa dik l-operazzjoni li tirriserva l-approprjazzjoni meħtieġa li tkopri pagamenti sussegwenti sabiex jiġi onorat impenn legali. L-impenn legali huwa dak l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti jassumi jew jistabbilixxi obbligazzjoni li tirriżulta f'debitu. L-impenn tal-*budget* u l-impenn legali għandhom jiġu adottati mill-istess uffiċjal awtorizzanti, ħlief f'każijiet debitament sostanzjati kif previst fir-regoli implimentattivi.

2. L-impenn tal-budget huwa wieħed individwali meta l-benefiċjarju u l-ammont ta' l-infiq ikunu magħrufa. L-impenn tal-budget huwa globali meta għadu mhux magħruf għall-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' l-impenn individwali. L-impenn tal-budget huwa provviżorju meta huwa ntiż li jkopri infiq amministrattiv ta' rutina u mhumiex magħrufa definittivament jew l-ammont jonkella l-benefiċjarji finali.

3. Impenji tal-*budget* għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu maqsuma fuq diversi snin f'rati annwali biss meta l-att bażiku jiddisponi hekk u għal infiq amministrattiv. Meta l-impenn tal-*budget* jiġi hekk diviż f'rati annwali, l-impenn legali għandu jistipula dan, ħlief fil-każ ta' infiq fuq il-persunal.

Artikolu 24

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura li tista' tistabbilixxi infiq addebitabbli lill-*budget*, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu l-ewwel jagħmel impenn tal-*budget* qabel ma' jassumi obbligazzjoni legali versu terzi.

2. L-impenji globali tal-*budget* għandhom ikopru l-ispiża totali ta' l-impenji legali individwali korrispondenti konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n + 1.

Suġġett għall-Artikolu 23(3), impenji legali individwali konnessi ma' impenji tal-*budget* individwali jew provviżorji għandhom jiġu konklużi sal-31 ta' Diċembru tas-sena n.

Fi tmiem il-perjodi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, il-bilanċ mhux użat ta' dawn l-impenji tal-budget għandu diżimpenjat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

L-ammont ta' kull impenn legali individwali segwenti għal impenn globali għandu, qabel il-firma, jiġi reġistrat mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli mill-kontijiet tal-*budget* u assenjat lill-impenn globali.

3. L-impenji legali assunti fir-rigward ta' azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena waħda finanzjarja u l-impenji tal-budget korrispondenti għandhom, ħlief fil-każ ta' spiża fuq il-persunal, ikollhom data finali għall-implimentazzjoni iffissata skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Kwalunkwe parti minn tali impenji li ma ġietx eżegwita sitt xhur wara dik id-data għandha tiġi diżimpenjata u l-approprjazzjonijiet konċernati għandhom jiġu kanċellati.

Fejn impenn legali ma jkunx irriżulta f'pagament wara perjodu ta' tliet snin, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jiddiżimpenjah.

Artikolu 25

1. Meta jkun adottat l-impenn dwar il-*budget*, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jiżgura li:

(a) il-partita korretta fil-*budget* tkun ġiet addebitata bl-infiq;

(b) l-approprjazzjonijiet ikunu disponibbli;

(ċ) l-infiq ikun konformi mad-disposizzjonijiet tat-Trattati, tal-*budget*, tad-Deċiżjoni preżenti u l-leġislazzjoni applikabbli;

(d) jiġi osservat il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

2. Meta jiġi reġistrat impenn legali, l-uffiċjal awtorizzanti għandu jiżgura li:

(a) l-impenn ikun kopert mill-impenn korrispondenti tal-*budget*;

(b) l-infiq ikun regolari u konformi mad-disposizzjonijiet tat-Trattati, tal-*budget*, tad-Deċiżjoni preżenti u l-leġiżlazzjoni applikabbli;

(ċ) jiġi osservat il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Sezzjoni 2

Il-konvalidazzjoni ta' l-infiq

Artikolu 26

Il-konvalidazzjoni ta' l-infiq hu l-att li permezz tiegħu l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli:

(a) jivverifika l-eżistenza tad-dritt tal-kreditur;

(b) jiddetermina u jivverifika r-realtà u l-ammont tat-talba;

(ċ) jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom hu dovut il-pagament.

Sezzjoni 3

L-awtorizzazzjoni ta' l-infiq

Artikolu 27

L-awtorizzazzjoni ta' l-infiq hu l-att fejn l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, wara li jkun ivverifika li l-approprjazzjonijiet huma disponibbli u waqt li joħroġ ordni għall-ħlas, jagħti istruzzjonijiet lill-uffiċjal kontabbli biex iħallas ammont ta' l-infiq li hu jkun ikkonvalida.

Sezzjoni 4

Il-pagament ta' l-infiq

Artikolu 28

1. Il-pagament għandu jsir meta tingħata prova li l-azzjoni rilevanti tkun skond id-disposizzjonijiet ta' l-att bażiku jew tal-kuntratt u għandu jkopri waħda jew aktar mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pagament ta' l-ammont kollu dovut;

(b) il-pagament ta' l-ammont dovut fi kwalunkwe mod li ġej:

(i) finanzjament bil-quddiem, li jista' jinqasam f'għadd ta' pagamenti;

(ii) wieħed jew aktar pagamenti interim;

(iii) pagament tal-bilanċ ta' l-ammont dovut.

2. Għandha ssir distinzjoni fil-kontijiet bejn it-tipi differenti ta' ħlasijiet imsemmija fil-paragrafu 1 fiż-żmien li jsiru.

Artikolu 29

1. Il-pagament ta' infiq għandu jsir mill-uffiċjal kontabbli fil-limitu tal-fondi disponibbli.

2. Pagamenti, barra minn dawk li jsiru minn kont ta' imprest kif previst fl-Artikolu 11, jeħtieġu l-firma konġunta ta' l-uffiċjal kontabbli jew uffiċjal kontabbli b'delega u ta' l-uffiċjal awtorizzanti jew uffiċjal awtorizzanti b'delega.

Sezzjoni 5

Limitu ta' żmien għal operazzjonijiet ta' nfiq

Artikolu 30

1. Somom dovuti għandhom jitħallsu sa mhux aktar tard minn ħamsa u erbgħin jum tal-kalendarju mid-data li fiha tiġi reġistrata talba għal ħlas ammessibbli mid-dipartiment awtorizzat ta' l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli; id-data tal-ħlas għandha tfisser id-data meta jiġi addebitat il-kont ta' l-Aġenzija.

It-talba ta' ħlas mhix ammessibbli jekk ma jkunx għall-inqas sodisfatt rekwiżit essenzjali wieħed.

2. Iż-żmien ta' ħlas imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' tletin jum kalendarju għal ħlasijiet dwar servizzi jew kuntratti ta' forniment, ħlief meta il-kuntratt jipprovdi mod ieħor.

3. Għal kuntratti jew ftehim fejn il-ħlas jiddipendi fuq l-approvazzjoni ta' rapport, iż-żmien għall-finijiet tat-termini ta' żmien ta' ħlas imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ma għandux jibda jgħodd sakemm ir-rapport li ssemma jiġi approvat, jew espliċitament waqt li jiġi nformat il-benefiċjarju, jew impliċitament minħabba li jkun skada iż-żmien permess bil-kuntratt għall-approvazzjoni mingħajr ma jkun ġie sospiż permezz ta' dokument formali li jkun intbagħat lill-benefiċjarju.

Iż-żmien permess għall-approvazzjoni ma jistax jeċċedi:

(a) 20 jum tal-kalendarju għal kuntratti inekwivokabbli dwar il-provvista ta' merkanzija u servizzi;

(b) 45 jum tal-kalendarju għal kuntratti oħrajn u ftehim dwar għotja;

(ċ) 60 jum tal-kalendarju għal kuntratti li jinvolvu servizzi tekniċi li huma partikolarment komplessi biex jiġu valutati.

4. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jissospendi l-limitu ta' żmien tal-pagament billi jinforma lill-krediturі, f'kwalunkwe ħin matul iż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, li t-talba għall-pagament ma tistax tintleħaq, jew għax l-ammont ma jkunx dovut jew għax id-dokumenti xierqa ta' sostenn ma jkunux ngħataw. Jekk l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkollu informazzjoni li titfa' dubji fuq l-eliġibilità ta' l-infiq li jidher f'talba għall-pagament, l-uffiċjal awtorizzanti jista' jissospendi l-limitu ta' żmien għall-iskop ta' aktar verifiki, inkluż kontroll fuq il-post, sabiex ikun aċċertat, qabel ma jsir il-pagament, li l-infiq hu tabilħaqq eliġibbli. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jinforma kemm jista' jkun malajr lill-benefiċjarju li ssemma.

Iż-żmien għall-iskop tal-bqija taż-żmien ta' pagament għandu jerġa' jibda jgħodd mid-data ta' meta t-talba għal pagament, ifformulata kif xieraq, tkun ġiet reġistrata l-ewwel darba.

5. Ma' l-iskadenza tal-limitu taż-żmien stabbilit fil-paragrafi 1 u 2, il-kreditur jista', fi żmien xahrejn minn meta jkun irċieva l-pagament li jkun sar tard, jitlob l-imgħax skond id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rati ta' imgħax għandhom ikunu dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 21(2);

(b) l-imgħax għandu jkun pagabbli għaż-żmien ta' wara il-jum kalendarju wara l-iskadenza tal-limitu taż-żmien għall-ħlas sal-jum tal-pagament.

L-ewwel subparagrafu m' għandux japplika għall-Istati Membri.

KAPITOLU 5

Sistemi ta' l-IT

Artikolu 31

Fejn id-dħul u l-infiq ikun amministrat permezzi ta' sistemi komputerizzati, id-dokumenti jistgħu jiġu ffirmati bi proċedura komputerizzata jew elettronika.

KAPITOLU 6

Awditur intern

Artikolu 32

L-Aġenzija għandha tistabbilixxi funzjoni ta' verifika ta' kontijiet interna li trid titwettaq skond l-*istandards* internazzjonali rilevanti. L-awditur intern maħtur mill-Aġenzija għandu jwieġeb lil ta' l-aħħar għall-verifika ta' l-operat xieraq tas-sistemi u proċeduri ta' implimentazzjoni tal-*budget*. L-awditur intern ma jista' jkun la uffiċjal awtorizzanti u lanqas uffiċjal kontabbli.

Artikolu 33

1. L-awditur intern għandu jagħti parir lill-Aġenzija kif tiffaċċja r-riskji, billi joħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità tas-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll u billi joħroġ rakkomandazzjonijiet li jtejjbu l-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet u jippromwovu amministrazzjoni finanzjarja soda.

L-awditur intern għandu jkun responsabbli b' mod partikolari:

(a) għall-valutazzjoni ta' l-idoneità u l-effikaċja tas-sistemi ta' amministrazzjoni interni u l-kapaċità tad-dipartimenti fl-implimentazzjoni tal-politiki, programmi u azzjonijiet b'riferenza għar-riskji assoċjati magħhom;

(b) għall-valutazzjoni ta' l-idoneità u l-kwalità tas-sistemi ta' kontroll intern u verifika applikabbli għal kull operazzjoni ta' implimentazzjoni tal-budget.

2. L-awditur intern għandu jaqdi dmirijietu fl-attivitajiet u d-dipartimenti kollha ta' l-Aġenzija. Hu għandu jkollu aċċess bla limitu għall-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iwettaq dmirijietu, jekk ikun meħtieġ fuq il-post, anki fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi.

3. L-awditur intern għandu jirrapporta lill-Aġenzija dwar ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. L-Aġenzija għandha tiżgura li tittieħed azzjoni abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-verifiki. L-awditur intern għandu wkoll jissottometti lill-Aġenzija rapport annwali intern ta' verifika fejn jindika l-għadd u t-tip ta' verifiki interni li jkunu saru, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda abbażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

4. Kull sena, id-Direttur Eżekuttiv għandu jgħaddi rapport lill-Bord Direttiv fejn jagħti sommarju dwar l-għadd u t-tip ta' verifiki interni li jkunu twettqu, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u l-azzjoni meħuda abbażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

Artikolu 34

Regoli speċjali applikabbli għall-awditur intern għandhom jiġu stabbiliti mill-Aġenzija u għandhom ikun tali li jiggarantixxu li hu jkun għal kollox indipendenti fit-twettiq tat-dmirijiet tiegħu u biex jistabbilixxu r-responsabbiltà tiegħu.

TITOLU III

L-AKKWIST

KAPITOLU 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Sezzjoni 1

Prinċipji dwar l-ambitu u l-għoti

Artikolu 35

1. Kuntratti pubbliċi huma kuntratti għal interessi ta' flus konklużi bil-miktub mill-Aġenzija li taġixxi bħala awtorità kontraenti, sabiex tikseb, bi ħlas ta' prezz li jitħallas kollu jew parzjalment mill-*budget* ġenerali, il-provvista ta' assi mobbli jew immobbli, l-esekuzzjoni ta' xogħlijiet jew il-provvista ta' servizzi.

Kuntratti pubbliċi jinkludu:

(a) kuntratti għax-xiri jew kiri ta' xi bini;

(b) kuntratti dwar fornimenti;

(ċ) kuntratti ta' xogħlijiet;

(d) kuntratti dwar servizzi.

Artikolu 36

1. Il-kuntratti kollha pubbliċi ffinanzjati għal kollox jew parzjalment mill-budget ġenerali għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' trasparenza, ta' proporzjonalità, ta' trattament ugwali u ta' non-diskriminazzjoni.

2. Il-kuntratti kollha ta' akkwist għandhom jinħarġu għall-offerti fuq bażi l-aktar wieħsa possibbli, ħlief meta jsir użu mill-proċedura nnegozjata msemmija fl-Artikolu 38(1)(d).

Sezzjoni 2

Pubblikazzjoni

Artikolu 37

1. Il-kuntratti kollha li jeċċedu l-livelli previsti fid-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista, servizzi u xogħlijiet pubbliċi għandhom jiġu ppublkati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Notifiki ta' kuntratti għandhom jiġu ppublikati bil-quddiem ħlief f'każijiet ta' kuntratti ta' valur baxx imsemmija fl-Artikolu 66.

Il-pubblikazzjoni ta' ċerta informazzjoni wara li jkun ingħata l-kuntratt tista' ma ssirx meta tkun tfixkel l-applikazzjoni tal-liġi, tkun kuntrarja għall-interess pubbliku jew tkun tagħmel ħsara lill-interessi leġittimi ta' kummerċ ta' impriżi pubbliċi jew privati jew tkun tista' twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

2. Kuntratti b'valur aktar baxx mil-livelli previsti fl-Artikolu 66 għandhom jiġu mxandra kif xieraq.

Sezzjoni 3

Proċeduri ta' akkwist

Artikolu 38

1. Il-proċeduri ta' akkwist għandhom jieħdu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) il-proċedura miftuħa;

(b) il-proċedura ristretta;

(ċ) kompetizzjonijiet;

(d) il-proċedura nnegozjata.

Artikolu 39

Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' forniment pubbliku, servizzi u kuntratti ta' xogħlijiet għandhom jistabbilixxu l-livelli li jiddeterminaw:

(a) l-arranġamenti għall-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 37;

(b) l-għażla ta' proċeduri msemmija fl-Artikolu 38;

(ċ) il-limiti taż-żmien korrispondenti.

Sezzjoni 4

Sejħa għall-offerti

Artikolu 40

Deskrizzjoni tas-suġġett tal-kuntratt sħiħa, ċara u preċiża għandha tingħata fid-dokumenti konnessi mas-sejħa għall-offerti.

Artikolu 41

Il-parteċipazzjoni fi proċeduri ta' offerti għandha tkun miftuħa, bl-istess kondizzjonijiet, għall-persuni kollha fiżiċi u ġuridiċi li jaqgħu fl-ambitu tat-Trattati u għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha f'pajjiż terz li jkollu ftehim speċjali mal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam ta' l-akkwist pubbliku bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim.

Artikolu 42

Fejn ikun japplika il-Ftehim Multilaterali dwar l-Akkwist tal-Gvern konkluż fi ħdan l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-kuntratti msemmija għandhom ukoll ikunu miftuħa għal ċittadini ta' Stati li jkunu rratifikaw dan il-ftehim, bil-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-ftehim.

Artikolu 43

1. Il-kandidati jew offerenti għandhom jinżammu milli jipparteċipaw fi proċedura ta' akkwist jekk:

(a) ikunu fi stat ta' falliment jew likwidazzjoni, l-affarijiet tagħhom ikunu qed jiġu amministrati mill-qrati, jkunu daħlu f'arranġament mal-krediturі, ikollhom l-attivitajiet kummerċjali sospiżi, ikunu is-suġġett ta' proċedimenti dwar dawk l-affarijiet, jew ikunu f'sitwazzjoni analoga li tinqala' minn proċedura simili prevista fil-liġi jew regolamenti nazzjonali;

(b) ikunu nstabu ħatja ta' reat dwar l-imġieba professjonali tagħhom b'sentenza li għandha l-forza ta' res judicata;

(ċ) ikunu ħatja ta' mġieba professjonali serjament ħażina pprovata b'kwalunkwe mezz li l-awtorità kontraenti tkun tista' tiġġustifika;

(d) ma jkunux wettqu l-obbligi tagħhom dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew il-ħlas ta' taxxi skond id-disposizzjonijiet legali tal-pajjiż fejn ikunu stabbiliti jew ma' dawk tal-pajjiż ta' l-awtorità kontraenti jew dawk tal-pajjiż fejn għandu jiġi esegwit il-kuntratt;

(e) ikunu s-suġġett ta' sentenza li jkollha l-forza ta' res judicata għal frodi, korruzzjoni, involviment f'organizzazzjoni kriminali jew kull attività illegali oħra li tkun ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet jew l-Aġenzija;

(f) wara proċedura ta' akkwist jew proċedura ta' għotja ffinanzjata mill-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea jew mill-*budget* ġenerali ta' l-Aġenzija, ikunu ġew iddikjarati fi ksur serju tal-kuntratt għan-nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi kontraenti tagħhom.

2. Il-kandidati jew offerenti jridu jiċċertifikaw li mhumiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1.

Artikolu 44

Kuntratti ma jistgħux jingħataw lil kandidati jew lill-offerenti li, waqt il-proċedura ta' akkwist;

(a) ikunu suġġetti għal konflitt ta' interessi;

(b) ikunu ħatja ta' rappreżentazzjoni ħażina meta jagħtu l-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala kondizzjoni għall-parteċipazzjoni fil-proċedura kontrattwali jew jonqsu milli jagħtu din l-informazzjoni.

Artikolu 45

L-Aġenzija għandha tistabbilixxi database ċentrali li jkollha d-dettalji tal-kandidati u l-offerenti li jkunu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 43 u 44. L-għan waħdieni tad-database għandu jkun li tiġi żgurata, skond ir-regoli tal-Komunità dwar l-ipproċessar ta' data personali, l-applikazzjoni korretta ta' l-Artikoli 43 u 44.

Artikolu 46

Penali amministrattivi jew finanzjarji jistgħu jiġu mposti mill-awtorità kontraenti fuq kandidati jew offerenti li jkunu f'wieħed mill-każijiet ta' esklużjoni previsti fl-Artikoli 43 u 44, wara li jkunu ngħataw l-opportunità li jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom.

Dawn il-penali jistgħu jikkonsistu:

(a) fl-esklużjoni tal-kandidat jew l-offerent kkonċernat minn kuntratti u għoti ffinanzjat mill-budget ġenerali ta' l-Aġenzija, għall-perjodu massimu ta' ħames snin;

(b) fi ħlas ta' penali finanzjarji mill-kuntrattur fil-każ imsemmi fl-Artikolu 43(1)(f) u mill-kandidat jew l-offerent fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 44 meta jkunu tassew serji u bla ma jinqabeż il-valur tal-kuntratt imsemmi.

Il-penali mposti għandhom ikunu proporzjonati ma' l-importanza tal-kuntratt u s-serjetà tal-mġieba ħażina.

Artikolu 47

1. Il-kriterji ta' selezzjoni sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tal-kandidati jew offerenti u l-kriterji ta' għotja sabiex jiġi evalwat il-kontenut ta' l-offerti għandhom jiġu definiti minn qabel u stabbiliti fis-sejħa għal offerti.

2. Il-kuntratti jistgħu jingħataw bil-proċedura awtomatika ta' għoti jew bil-proċedura ta' l-aħjar valur għall-flus.

Artikolu 48

1. L-arranġamenti sabiex jintefgħu l-offerti għandhom jiżguraw li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina u li l-kontenut ta' l-offerti jibqa' kunfidenzjali sakemm jinfetħu kollha fl-istess ħin.

2. Kif previst fir-regoli ta' implimentazzjoni, l-awtorità kontraenti tista' titlob lill-offerenti sabiex jagħmlu garanzija bil-quddiem biex jiggarantixxu li ma jirtirawx l-offerti li jkunu tefgħu.

3. Ħlief għall-kuntratti li jkunu jinvolvu ammonti żgħar imsemmija fl-Artikolu 66(3), l-applikazzjonijiet u l-offerti għandhom jinfetħu minn kumitat li jiftaħ maħtur għalhekk. Kull offerta jew applikazzjoni li skond dikjarazzjoni tal-kumitat ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti m' għandhiex tintlaqa'.

4. L-applikazzjonijiet jew offerti kollha li jiġu ddikjarati mill-Kumitat li jiftaħ li jkunu ssodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti għandhom jiġu evalwati, abbażi tal-kriterji ta' selezzjoni u ta' l-għoti stabbiliti minn qabel fid-dokumenti dwar is-sejħa għal offerti, minn kumitat maħtur għalhekk bil-ħsieb li jipproponi lil min għandu jingħata l-kuntratt.

Artikolu 49

Waqt li tkun għaddejja l-proċedura ta' akkwist, kwalunkwe kuntatt bejn l-awtorità kontraenti u l-kandidati jew offerenti għandu jissodisfa kondizzjonijiet li jiżguraw trasparenza u trattament ugwali. Ma jistgħux iwasslu għal emendi fil-kondizzjonijiet tal-kuntratt jew tat-termini ta' l-offerta oriġinali.

Artikolu 50

1. L-uffiċjal awtorizzanti għandu jiddeċiedi lil min jingħata l-kuntratt, skond il-kriterji ta' selezzjoni u għoti stabbiliti minn qabel fid-dokumenti dwar is-sejħa għal offerti u r-regoli ta' akkwist.

2. L-awtorità kontraenti għandha tgħarraf lil kull kandidat jew offerent li l-applikazzjoni jew offerta tiegħu ma tkunx intlaqet bir-raġunijiet ta' dik id-deċiżjoni, u lil kull offerent li l-offerta tiegħu tkun ammissibbli u li jagħmel talba bil-miktub bil-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-offerta rebbieħa u l-isem ta' dak li jkun ħa l-kuntratt.Madankollu, ċerti dettalji ma hemmx għalfejn jingħataw fejn dan ikun ifixkel l-applikazzjoni tal-liġi, imur kontra l-interess pubbliku jew jagħmel ħsara lill-interessi tan-negozju leġittimi ta' impriżi pubbliċi jew privati jew ikun jista' jiddistorċi l-kompetizzjoni ġusta bejn dawk l-impriżi.

Artikolu 51

L-awtorità kontraenti tista', qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, jew tabbanduna l-akkwist jew tħassar il-proċedura ta' għoti mingħajr ma l-kandidati jew l-offerenti jkunu ntitolati għal kwalunkwe talba għal kumpens.Din id-deċiżjoni għandha tkun sostanzjata u titressaq għall-attenzjoni tal-kandidati jew offerenti.

Sezzjoni 5

Garanziji u kontroll

Artikolu 52

L-awtorità kontraenti tista' u, f'ċerti każijiet previsti fir-regoli ta' implimentazzjoni, għandha titlob lill-kuntratturi sabiex jagħmlu garanzija bil-quddiem sabiex:

(a) tiżgura li l-kuntratt jitwettaq kollu,

(b) tillimita r-riskji finanzjarji konnessi mal-ħlas ta' pre-finanzjament.

Artikolu 53

1. Fejn il-proċedura ta' għoti jew it-twettiq tal-kuntratt jkun ġie vizzjat bi żbalji sostanzjali jew irregolaritajiet jew bi frodi, l-Aġenzija għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

2. Meta tali żbalji, irregolaritajiet jew frodi jkunu attribwiti lill-kuntrattur, l-Aġenzija tista' wkoll tirrifjuta li tħallas jew tista' tirkupra ammonti diġà mħallsa, a proporzjon tas-serjetà ta' l-iżbalji, l-irregolaritajiet jew frodi.

KAPITOLU 2

Modalitajiet ta' implimentazzjoni

Artikolu 54

1. Kuntratt qafas huwa kuntratt konkluż bejn l-Aġenzija li taġixxi bħala awtorità kontraenti u operatur ekonomiku għall-iskop li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet essenzjali li jirregolaw serje ta' kuntratti speċifiċi li jkunu jridu jingħataw fi żmien stabbilit, b'mod partikolari fir-rigward tad-dewmien, suġġett, kondizzjonijiet ta' esekuzzjoni u kwantitajiet previsti.

L-awtorità kontraenti tista' wkoll tikkonkludi kuntratti qafas multipli, li huma kuntratti separati b'kondizzjonijiet identiċi li jingħataw lil numru ta' fornituri jew fornituri ta' servizzi. L-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 69 għandhom imbagħad jispeċifikaw l-għadd ta' operaturi li magħhom l-awtorità kontraenti għandha tikkonkludi kuntratti.

It-tul ta' żmien tal-kuntratti qafas ma jistax jaqbeż l-erba' snin, minbarra f'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati partikolarment mis-suġġett tal-kuntratt qafas.

L-Aġenzija m'għandhiex tagħmel użu skorrett mil-liġijiet qafas jew tużahom b'tali mod li l-iskop jew effett ikun li jimpedixxi, jirrestrinġi jew iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

2. Kuntratti speċifiċi bbażati fuq il-kuntratti qafas imsemmija f'paragrafu 1 għandhom jingħataw skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt qafas.

3. Kuntratti speċifiċi biss konklużi taħt kuntratti qafas imsemmija f'paragrafu 1 għandhom ikunu preċeduti b'impenn tal-budget

Sezzjoni 1

Pubblikazzjoni

Artikolu 55

1. Fil-każ ta' kuntratti koperti mid-Direttivi ta' l-akkwist pubbliku, il-pubblikazzjoni għandha tikkonsisti f'avviż pre-informatorju, avviż tal-kuntratt u avviż ta' għotja.

2. L-avviż pre-informatorju għandu jkun l-avviż li bih l-Aġenzija tgħarraf, b'mod indikattiv, l-istima tal-valur totali tal-kuntratti, bil-kategorija tas-servizz jew gruppi ta' prodotti, u l-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratti ta' xogħol li fi ħsiebhom jagħtu matul sena tal-budget, fejn l-istima tal-valur totali hu daqs jew akbar mil-livelli stabbiliti fl-Artikolu 67.

L-avviż pre-informatorju għandu jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena tal-*budget* fil-każ ta' kuntratti ta' forniment u servizzi u, fil-każ ta' kuntratti ta' xogħol, kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni li tkun approvat il-programm għal dawk il-kuntratti.

3. L-avviż tal-kuntratt għandu jkun il-mezz li bih l-Aġenzija tgħarraf l-intenzjoni tagħha biex tagħti bidu għal proċedura ta' akkwist. Għandu jkun obbligatorju għal kuntratti bi stima ta' valur ugwali għal jew akbar mil-livelli stabbiliti fil-punti (a) u (ċ) ta' l-Artikolu 68.

Fi proċedura miftuħa l-avviż tal-kuntratt għandu jispeċifika d-data, ħin u post tal-laqgħa tal-kumitat miftuħ, li għandha tkun miftuħa għall-offerenti.

Meta l-Aġenzija tkun tixtieq torganizza kompetizzjoni għandha tniedi avviż li fih tħabbar l-intenzjoni tagħha.

4. L-avviż ta' l-għotja għandu jagħti r-riżultat tal-proċedura ta' akkwist. Fil-każ ta' kuntratti li jkollhom valur ugwali jew akbar mil-livelli stabbiliti fl-Artikolu 68, l-avviż ta' għotja għandu jkun obbligatorju. M'għandux ikun obbligatorju għal kuntratti speċifiċi li jkunu ngħataw taħt kuntratt qafas.

L-avviż ta' l-għotja għandu jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin jum wara d-data ta' meta jiġi ffirmat il-kuntratt.

5. L-avviżi għandhom jitfasslu skond il-mudelli annessi mad-Direttiva 2001/78/KE [1].

Artikolu 56

1. Kuntratti b'valur anqas mil-livelli previsti fl-Artikoli 67 u 68 u l-kuntratti tas-servizzi msemmija fl-Anness IB tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [2] għandhom jiġu rreklamati b'mezzi xierqa sabiex jiġi żgurat li l-offerti jintefgħu b'mod kompetittiv u tiġi żgurata l-imparzjalità fil-proċedura ta' l-akkwist. Dan ir-reklamar għandu jinvolvi:

(a) jekk ma jkunx ġie ppubblikat l-avviż tal-kuntratt kif imsemmi fl-Artikolu 55, avviż ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess għal kuntratti li jkopru suġġett simili b'valur ugwali għal jew akbar mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 65(1);

(b) il-pubblikazzjoni annwali ta' lista ta' kuntratturi, fejn ikunu speċifikati s-suġġett u l-valur tal-kuntratti li jingħataw.

2. Lista ta' kuntratturi li jkunu ngħataw kuntratti ta' bini għandha tiġi ppubblikata kull sena, b'indikazzjoni tas-suġġett u l-valur tal-kuntratti li jingħataw. Dik il-lista għandha tintbagħat lill-Bord Direttiv.

3. L-informazzjoni dwar kuntratti b'valur ugwali għal jew akbar mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 65(1) għandha tintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej; il-lista annwali ta' kuntratturi għandha tintbagħat sal-31 ta' Marzu wara l-għeluq tas-sena finanzjarja.

Reklamar ex ante u l-pubblikazzjoni annwali tal-lista ta' kuntratturi għall-kuntratti l-oħra għandhom ikunu fis-sit ta' l-Internet ta' l-Aġenzija; il-pubblikazzjoni ex post għandha ssir mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena finanzjarja li tkun tmiss. Il-pubblikazzjoni tista' tkun ukoll fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 285, tad-29.10.2001, p. 1.

[2] ĠU L 209, ta' l-24.7.1992, p. 1. Direttiva mhassra mid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 134, tat-30.4.2004, p. 114).

Artikolu 57

1. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jippubblika l-avviżi msemmija fl-Artikoli 55 u 56 fil-Ġuranl Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mhux aktar tard minn tnax-il jum tal-kalendarju wara li jkunu ntbagħtu.

Dak it-terminu ta' żmien għandu jitnaqqas għal ħamest ijiem tal-kalendarju fil-każ tal-proċeduri rapidi msemmija fl-Artikolu 81 u jekk l-avviżi jkunu ġew ippreparati u mibgħuta elettronikament.

2. L-Aġenzija trid tkun tista' tagħti prova tad-data meta ntbgħatu.

Artikolu 58

1. Barra mir-reklamar previst fl-Artikoli 55, 56 u 57, il-kuntratti jistgħu jiġu mxandra f'kwalunkwe mod ieħor, speċjalment fil-forma elettronika. Kwalunkwe reklamar bħal dan għandu jirriferi għall-avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, kif previst fl-Artikolu 57, fil-każ li jkun ġie ppubblikat wieħed, u ma jistax jippreċedi l-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż, li hu biss hu awtentiku.

2. Reklamar bħal dan ma jista' jintroduċi ebda diskriminazzjoni bejn il-kandidati jew l-offerenti lanqas m' għandu ikollu dettalji ħlief dawk li jinsabu fl-avviż tal-kuntratt, jekk ikun ġie ppubblikat wieħed fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Sezzjoni 2

Proċeduri ta' akkwist

Artikolu 59

1. Kuntratti għandhom jingħataw b'sejħa għal offerti, waqt li tintuża l-proċedura miftuħa, ristretta jew innegozjata wara l-pubblikazzjoni ta' avviż tal-kuntratt fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* jew bi proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż tal-kuntratt, fejn xieraq wara kompetizzjoni.

2. Sejħiet għal offerti għandhom ikunu miftuħa fejn l-operaturi ekonomiċi kollha nteressati jistgħu jitfgħu offerta. Sejħiet għal offerti għandhom ikunu ristretti meta l-operaturi kollha ekonomiċi jistgħu jitolbu biex jipparteċipaw iżda dawk il-kandidati biss li jissodisfaw il-kriterji ta' għażla msemmija fl-Artikolu 74 u mistiedna simultanjament u bil-miktub mill-Aġenzija jistgħu jitfgħu offerta.

Il-fażi ta' għażla tista' terġa' ssir għal kull kuntratt individwali jew tista' tinvolvi t-tħejjija ta' lista ta' kandidati potenzjali skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 65.

3. Fi proċedura nnegozjata, l-Aġenzija għandha tikkonsulta ma' offerenti ta' l-għażla tagħha li jissodisfaw il-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 74, u tinnegozja l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ma' wieħed jew aktar minnhom.

Fi proċeduri nnegozjati fejn ikun ġie ppubblikat avviż tal-kuntratt, kif imsemmi fl-Artikolu 64, l-Aġenzija għandha simultanjament u bil-miktub tistieden lill-kandidati magħżula sabiex jinnegozjaw.

4. Kompetizzjonijiet huma proċeduri li jawtorizzaw lill-awtorità kontraenti biex tikseb, l-aktar fl-oqsma ta' l-agrikoltura u l-inġinerija ċivili jew l-ipproċessar tad-*data*, pjan jew disinn propost minn kumitat ta' għażla wara li jkun inħareġ għal offerti kompetittivi bl-għoti ta' premjijiet jew mingħajr.

Artikolu 60

1. Fi proċedura ristretta, inkluża l-proċedura msemmija fl-Artikolu 65, l-għadd ta' kandidati mistiedna jitfgħu offerta ma jistax ikun anqas minn ħamsa, sakemm għadd suffiċjenti ta' kandidati jissodisfa il-kriterji ta' għażla.

L-awtorità kontraenti tista' wkoll tipprovdi għal numru massimu ta' għoxrin kandidat, skond is-suġġett tal-kuntratt u abbażi ta' kriterji ta' għażla oġġettivi u non-diskriminatorji. F'tali każijiet, il-varjetà u l-kriterji għandhom ikunu ndikati fl-avviż tal-kuntratt jew sejħa għal espressjonijiet ta' interess imsemmija fl-Artikoli 55 u 56.

F'kwalunkwe każ, l-għadd ta' kandidati mistiedna sabiex jitfgħu offerta għandu jkun biżżejjed sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina.

2. Fi proċeduri ristretti l-għadd ta' kandidati mistiedna sabiex jinnegozjaw ma jistax ikun anqas minn tlieta, sakemm għadd suffiċjenti ta' kandidati jissodisfa il-kriterji ta' għażla.

F'kwalunkwe każ, l-għadd ta' kandidati mistiedna sabiex jitfgħu offerta għandu jkun biżżejjed sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina.

It-tiena subparagrafu m'għandux japplika għal kuntratti li jkunu jinvolvu ammonti żgħar, kif imsemmi fl-Artikolu 66(3).

Artikolu 61

F'proċeduri nnegozjati, l-Aġenzija għandha tinnegozja ma' l-offerenti l-offerti li jkunu tefgħu sabiex jadattawhom għall-ħtiġijiet stabbiliti fl-avviż tal-kuntratt imsemmi fl-Artikolu 55 jew fl-ispeċifikazzjonijiet u f'kull dokument addizzjonali ieħor u sabiex jinstab l-offerent li joffri l-ottimizzazzjoni tal-valur. Matul in-negozjati, l-Aġenzija għandha tiżgura l-istess trattament għall-offerenti kollha.

Artikolu 62

1. Ir-regoli għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni għandhom jiġu kkomunikati lil dawk interessati li jieħdu sehem fi kwalunkwe każ. L-għadd ta' kandidati mistiedna jieħdu parti għandu jkun biżżejjed sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina.

2. Il-kumitat ta' l-għażla għandu jinħatar mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli. Għandu jkun magħmul esklużivament minn persuni fiżiċi li jkunu indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Fejn tkun meħtieġa kwalifika professjonali partikulari għall-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni, mill-inqas terz tal-membri tal-kumitat ta' l-għażla għandu jkollu l-istess kwalifika jew waħda ekwivalenti.

Il-kumitat ta' l-għażla għandu jkun awtonomu fl-opinjoni tiegħu. L-opinjoni tiegħu għandha tiġi adottata abbażi ta' proġetti li jkunu ġew sottomessi lilha b'mod anonimu mill-kandidati u unikament fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-avviż tal-kompetizzjoni.

3. Il-proposti tal-kumitat ta' l-għażla, ibbażati fuq il-merti ta' kull proġett, u l-osservazzjonijiet tiegħu, għandhom jiġu rreġistrati f'rapport iffirmat mill-membri tiegħu. Il-kandidati għandhom jibqgħu anonimi sakemm il-kumitat ta' l-għażla jkun ta l-opinjoni tiegħu.

4. L-awtorità kontraenti għandha mbagħad tieħu deċiżjoni fejn tagħti l-isem u l-indirizz tal-kandidat magħżul u r-raġunijiet ta' l-għażla b'riferenza għall-kriterji mħabbra fl-avviż tal-kuntratt, speċjalment jekk tkun titbiegħed mill-proposti li jkunu saru fl-opinjoni tal-kumitat ta' l-għażla.

Artikolu 63

1. L-Aġenzija tista' tuża l-proċedura nnegozjata mingħajr ma tippubblika minn qabel avviż tal-kuntratt fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn ma jintefgħux offerti jew offerti xierqa fi tweġiba għal proċedura miftuħa jew ristretta wara li tkun intemmet il-proċedura tal-bidu, sakemm il-kondizzjonijiet oriġinali tal-kuntratt kif speċifikat fid-dokumenti dwar l-istedina għal offerti msemmija fl-Artikolu 69 ma jkunux alterati b'mod sostanzjali;

(b) fejn, għal raġunijiet tekniċi jew artistiċi, jew għal raġunijiet konnessi mal-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku partikulari;

(ċ) sa fejn hu strettament meħtieġ fejn, għal raġunijiet ta' urġenza estrema bħala riżultat ta' ġrajjiet li ma kienux mistennija u mhux attribwibbli lill-Aġenzija u li probabbli jpoġġu f'periklu l-interessi ta' l-Aġenzija, huwa impossibli li wieħed iżomm mal-limiti ta' żmien għall-proċeduri l-oħra u stabbiliti fl-Artikoli 79, 80 u 81;

(d) fejn kuntratt ta' servizz jiġi wara kompetizzjoni u jrid, skond ir-regoli li japplikaw, jiġi mogħti lill-kandidat li jkollu suċċess jew lil wieħed mill-kandidati li jkollhom suċċess; f'dan l-aħħar każ, il-kandidati kollha li jkollhom suċċess għandhom jiġu mistiedna biex jieħdu sehem fin-negozjati;

(e) għal servizzi u xogħlijiet addizzjonali li mhumiex inklużi fil-proġett li kien ikkunsidrat inizzjalment u lanqas fil-kuntratt li kien konkluż l-ewwel imma li, permezz ta' ċirkostanzi li ma kienux mistennija li huma indipendenti mill-awtorità kontraenti, saru meħtieġa għat-twettiq tas-servizzi jew tax-xogħlijiet, suġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2;

(f) għal kuntratti addizzjonali li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' servizzi jew xogħlijiet simili fdati lill-kuntrattur li kien mogħti kuntratt iktar bikri mill-Aġenzija, sakemm is-suġġett tal-kuntratt huwa konformi ma' proġett bażiku u sakemm l-ewwel kuntratt kien ġie mogħti skond il-proċedura miftuħa jew ristretta;

(g) għal kuntratti ta' provvista:

(i) fil-każ ta' kunsinni addizzjonali li huma maħsuba jew bħala sostituzzjoni ta' provvisti jew installazzjonijiet normali jew bħala l-estensjoni ta' provvisti jew installazzjonijiet li diġa' jeżistu, fejn bdil tal-fornitur jobbliga lill-awtorità kontraenti biex takkwista tagħmir li jkollu karatteristiċi tekniċi differenti li jirriżultaw f'inkompatibbilità jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fl-operazzjoni u l-manteniment; it-tul ta' tali kuntratti ma jistax jaqbeż it-tlett snin;

(ii) fejn il-prodotti huma manifatturati purament bil-għan ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp, bl-eċċezzjoni ta' eżamijiet ta' vijabbiltà kummerċjali u produzzjoni fuq skala kbira immirati biex jiġu rkuprati spejjeż ta' riċerka u żvilupp;

(h) għal kuntratti ta' bini, wara li jiġi prospettat is-suq lokali;

(i) għal kuntratti b'valur taħt il-livell stabbilit fl-Artikolu 66(2).

2. Għas-servizzi u x-xogħlijiet addizzjonali msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, l-awtorità kontraenti tista' tagħmel użu mill-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviz ta' kuntratt bil-kondizzjoni li l-għotja ssir lill-kuntrattur li jwettaq il-kuntratt:

(a) fejn tali kuntratti addizzjonali ma jistgħux ikunu teknikament jew ekonomikament mifruda mill-kuntratt prinċipali mingħajr inkonvenjenza serja għall-awtorità kontraenti; jew

(b) fejn tali servizzi jew xogħlijiet, għalkemm jistgħu jiġu mifruda mit-twettiq tal-kuntratt oriġinali, huma strettament meħtieġa għat-tkomplija tiegħu.

Il-valur globali ta' kuntratti addizzjonali ma jistax jaqbeż il-50 % ta' l-ammont tal-kuntratt inizzjali.

3. Fil-każijiet msemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1, il-possibiltà li tintuża l-proċedura negozjata għandha tiġi murija hekk kif l-ewwel kuntratt jinhareġ b'offerta kompetittiva għal xogħol bl-appalt, u l-ispiża totali stmata tal-kuntratti addizzjonali għandha tiġi meqjusa fil-kalkolu tal-livelli msemmija fl-Artikolu 68. Dik il-proċedura tista' tintuża biss matul it-tliet snin wara l-konklużjoni tal-kuntratt oriġinali.

Artikolu 64

1. L-Aġenzija tista' tuża l-proċedura negozjata wara li tkun ippubblikat avviż ta' kuntratt fil-każijiet li ġejjin:

(a) fl-eventwalitàà tas-sottomissjoni ta' offerti għal xogħol bl-appalt li mhumiex regolari jew aċċettabli, b'riferenza partikolari għall-kriterji ta' għażla jew għoti, bi tweġiba għal proċedura miftuħa jew ristretta li ġiet mitmuma, sakemm it-termini oriġinali tal-kuntratt kif speċifikat fid-dokumenti relatati mas-sejħa għall-offerti għal xogħol bl-appalt msemmija fl-Artikolu 69 mhumiex mbiddla b'mod sostanzjali;

(b) għal kuntratti ta' servizz jew ta' xogħlijiet, f'każijiet eċċezzjonali fejn in-natura tas-servizzi jew tax-xogħlijiet jew ir-riskji marbuta magħhom ma jippermettux ipprezzar globali minn qabel mill-offerent;

(ċ) fejn in-natura tas-servizz li jrid jiġi akkwistat, b'mod partikolari fil-każ ta' servizzi finanzjarji u servizzi intelletwali, hija tali li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma jistgħux ikunu stabbiliti bi preċiżjoni biżżejjed biex jippermettu l-għoti tal-kuntratt billi tintagħżel l-aħjar offerta għal xogħol bl-appalt skond ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri miftuħin jew ristretti;

(d) għal kuntratti ta' xogħlijiet, fejn ix-xogħlijiet huma mwettqa biss bil-għan ta' riċerka, kontroll jew żvilupp u mhux bil-ħsieb li jiġi żgurat qligħ jew li jiġu rkuprati spejjeż ta' riċerka u żvilupp;

(e) għall-kuntratti ta' servizz msemmija fl-Anness 1B tad-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, suġġett għal punt (i) ta' l-Artikolu 63(1).

2. Fil-każijiet msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' żżomm lura milli tippubblika avviż ta' kuntratt jekk fil-proċedura negozjata tinkludi l-offerenti kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' għażla u li, matul il-proċedura preċedenti, issottomettew offerti għal xogħol bl-appalt skond ir-rekwiżiti formali meħtieġa tal-proċedura ta' akkwist.

Artikolu 65

1. Sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandha tkun il-mezz biex jintgħażlu minn qabel il-kandidati li ser ikunu mistiedna biex jissottomettu offerti għal xogħol bl-appalt bi tweġiba għal sejħiet ristretti fil-futur għal offerti għal xogħol bl-appalt għal kuntratti ta' valur ta' EUR 50 000 jew iktar, suġġett għall-Artikoli 63 jew 64.

2. Il-lista mfassla wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandha tkun valida għal mhux aktar minn tliet snin middata ta' meta l-avviż msemmi fil-punt (a) ta' l-Artikolu 56(1) huwa mibgħut lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.Kwalunkwe persuna interessata tista' tissottometti applikazzjoni fi kwalunkwe ħin matul il-perjodu ta' validità tal-lista, bl-eċċezzjoni ta' l-aħħar tliet xhur ta' dak il-perjodu.

3. Fejn kuntratt speċifiku għandu jiġi mogħti, l-awtorità kontraenti għandha tistieden jew lill-kandidati kollha mniżżla fil-lista jew lil xi whud minnhom biss, fuq il-bażi ta' kriterji ta' għażla li huma oġġettivi u mhux diskriminatorji u li huma speċifiċi għal dak il-kuntratt, biex jissottomettu offerta għal xogħol bl-appalt.

Artikolu 66

1. Proċedura ristretta fejn minn ta' l-inqas ħames kandidati ikunu konsultati imma mingħajr sejħa għal espressjonijiet ta' interess tista' tintuża għal kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 50 000, suġġett għall-Artikoli 63 jew 64.

2. Il-proċedura negozjata ma' minn ta' l-inqas tlett kandidati tista' tintuża għal kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 13 800.

3. Kuntratti b'valur ta' inqas minn EUR 1 050 jistgħu jiġu mogħtija fuq il-bażi ta' offerta għal xogħol bl-appalt waħdanija bi proċedura negozjata.

4. Pagamenti magħmula minn kontijiet ta' imprest jew għal nefqa relatata ma' attivitajiet ta' komunikazzjonijiet li daħlet fihom l-Aġenzija jistgħu jikkonsistu sempliċiment fil-ħlas ta' spejjeż fuq preżentazzjoni ta' fattura, mingħajr ma offerta għal xogħol bl-appalt tkun aċċettata minn qabel, fejn in-nefqa hija inqas minn EUR 200.

Artikolu 67

Il-livelli għall-pubblikazzjoni ta' avviż ta' pre-informazzjoni għandhom ikunu:

(a) EUR 750 000 għall-kuntratti ta' provvista u servizz mniżżla fl-Anness IA tad-Direttiva 92/50/EEK;

(b) EUR 5 923 624 għall-kuntratti ta' xogħlijiet.

Artikolu 68

Il-livelli msemmija fl-Artikolu 39 għandhom ikunu:

(a) EUR 154 014 għall-kuntratti ta' provvista u ta' servizz mniżżla fl-Anness IA tad-Direttiva 92/50/EEK, bl-eċċezzjoni tal-kuntratti ta' riċerka u żvilupp mniżżla fil-kategorija 8 ta' dak l-Anness;

(b) EUR 200 000 għall-kuntratti ta' servizz mniżżla fl-Anness IB tad-Direttiva 92/50/EEK u għall-kuntratti ta' riċerka u ta' żvilupp mniżżla fil-kategorija 8 ta' l-Anness IA ta' dak ir-Regolament;

(ċ) EUR 5 923 624 għal kuntratti ta' xogħlijiet.

Artikolu 69

1. Dokumenti relatati mas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jinkludu minn ta' l-inqas:

(a) is-sejħa biex tiġi magħmula offerta għal xogħol bl-appalt jew biex isir negozjar;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet mehmuża, li magħhom għandhom jiġu annessi t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali applikabbli għal kuntratti;

(ċ) il-kuntratt mudell.

Id-dokumenti relatati mas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom ikollhom riferenza għall-miżuri ta' reklamar meħuda skond l-Artikoli 55 sa 58.

2. Is-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandha minn ta' l-inqas:

(a) tispeċifika r-regoli li jirregolaw it-tfigħ u l-preżentazzjoni ta' l-offerti għal xogħol bl-appalt, inkluż b'mod partikolari d-data u l-ħin ta' l-iskadenza għas-sottomissjoni, kwalunkwe kundizzjoni meħtieġa rigward l-użu ta' formola ta' tweġiba standard, id-dokumenti li għandhom jiġu mehmuża, inkluż dawk li huma prova ta' kapaċità finanzjarja, ekonomika, teknika u professjonali msemmija fl-Artikolu 74, u l-indirizz li jridu jintbagħtu fih;

(b) tiddikjara li s-sottomissjoni ta' l-offerta għal xogħol bl-appalt timplika li ġew aċċettati l-ispeċifikazzjonijiet u t-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali msemmija fil-paragrafu 1 li miegħu għandha x'taqsam l-offerta għal xogħol bl-appalt u li din is-sottomissjoni torbot lill-kuntrattur li jingħata l-kuntratt matul it-twettiq tal-kuntratt;

(ċ) tispeċifika l-perjodu li matulu offerta għal xogħol bl-appalt tibqa' valida u ma' tistax tiġi mibdula bi kwalunkwe mod;

(d) timpedixxi kwalunkwe kuntatt bejn l-awtorità kontraenti u l-offerent matul il-proċedura, ħlief, b'eċċezzjoni u, fejn hija magħmula disposizzjoni għal żjara fuq il-post, tispeċifika l-arranġamenti għal tali żjara.

3. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom minn ta' l-inqas:

(a) jispeċifikaw il-kriterji ta' esklużjoni u ta' għażla li japplikaw għall-kuntratt, ħlief fil-proċedura ristretta u fil-proċeduri negozjati wara pubblikazzjoni ta' avviż msemmi fl-Artikolu 64; f'tali każijiet dawk il-kriterji għandhom jidhru biss fl-avviż tal-kuntratt jew fis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess;

(b) jispeċifikaw il-kriterji ta' l-għoti u l-ippeżar relattiv tagħhom, jekk dan mhux speċifikat fl-avviż ta' kuntratt;

(ċ) jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 70;

(d) jiddikjaraw ir-rekwiżiti minimi li l-varjanti jridu jilħqu fil-proċeduri previsti fl-Artikolu 77(2) skond liema jiġi mogħti l-kuntratt għall-offerta li tkun toffri l-aħjar valur għal flus, fejn l-awtorità kontraenti ma ddikjaratx fl-avviż ta' kuntratt li tali varjanti mhumiex permessi;

(e) jiddikjaraw li japplika l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet jew, fejn xieraq, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi jew ir-Relazzjonijiet Konsulari;

(f) jispeċifikaw il-prova ta' aċċess għal kuntratti, kif stabbilit fl-Artikolu 73.

4. Il-kuntratt mudell għandu b'mod partikolari:

(a) jispeċifika l-penalitajiet għal nuqqas ta' konformità mal-klawżoli tiegħu;

(b) jispeċifika d-dettalji li jrid ikun hemm f'fatturi jew fid-dokumenti ta' sostenn rilevanti;

(ċ) jispeċifika l-liġi applikabbli għall-kuntratt u l-qorti kompetenti tisma' u tiddeċiedi vertenzi.

5. L-Aġenzija tista' titlob informazzjoni mingħand l-offerent dwar kwalunkwe parti tal-kuntratt li l-offerent jista' jkun bi ħsiebu jgħaddi lill-partijiet terzi u dwar l-identità ta' kwalunkwe sotto-kuntratturi.

Artikolu 70

1. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jagħtu l-istess aċċess lill-kandidati u l-offerenti u ma għandhomx ikollhom l-effett li joħolqu tfixkil li mhux ġustifikat għal offerti għal xogħol bl-appalt kompetittivi. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott, servizz jew materjal jew xogħol fir-rigward ta' l-għan li huma maħsuba għalih mill-awtorità kontraenti.

2. Il-karatteristiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) il-livelli tal-kwalità;

(b) it-twettiq ambjentali;

(ċ) id-disinn għall-ħtiġijiet kollha,inkluż aċċessibilità għal persuni b'diżabilita;

(d) il-livelli u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(e) kemm huma xierqa għall-użu;

(f) sigurtà jew dimensjonijiet, inkluż, għal provvisti, l-isem tal-bejgħ u l-istruzzjonijiet għall-utent, u, għall-kuntratti kollha, terminoloġija, simboli, eżamijiet u metodi ta' eżami, ippakkjar, immarkar u ittikettjar, proċeduri u metodi tal-produzzjoni;

(g) għal kuntratti ta' xogħlijiet, il-proċeduri relatati ma' l-assigurazzjoni tal-kwalità u r-regoli relatati mad-disinn u l-ispejjeż, l-eżami, l-ispezzjoni u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċettazzjoni tax-xogħlijiet u l-metodi u t-tekniċi ta' kostruzzjoni u l-kondizzjonijiet tekniċi l-oħra kollha li l-awtorità kontraenti tista' timponi taħt regolamenti ġenerali jew speċifiċi b'rabta max-xogħlijiet lesti u mal-materjali jew partijiet li jinvolvu.

3. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu fformulati kif ġej:

(a) b'riferenza għal standards Ewropej, jew għal approvazzjonijiet tekniċi Ewropej jew speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, fejn tali jeżistu, għal standards internazzjonali jew għal materjal ta' riferenza tekniku prodott minn korpi Ewropej ta' l-istandards jew, fin-nuqqas ta' dan, l-ekwivalenti nazzjonali tagħhom. Kull riferenza għandha tiġi segwita bl-espressjoni "jew ekwivalenti"; jew

(b) f'termini ta' twettiq jew ta' ħtiġijiet funzjonali; għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jagħmluha possibli għall-offerenti li jiddeterminaw l-għan tal-kuntratt u lill-Aġenzija biex tagħti l-kuntratt; jew

(ċ) b'taħlita ta' dawk iż-żewġ metodi ta' formulazzjoni.

4. Fejn l-Aġenzija tuża l-possibbiltà li tagħmel riferenza għall-ispeċifikazzjonijiet msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3, huma ma jistgħux jirrifjutaw offerta għal xogħol bl-appalt fuq il-bażi li ma taqbilx ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet jekk l-offerent jew il-kandidat jagħti prova, għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kontraenti, bi kwalunkwe mezzi xierqa, li l-offerta għal xogħol bl-appalt tilħaq b'mod ekwivalenti r-rekwiżiti stabbiliti.

5. Fejn l-Aġenzija tuża l-possibbiltà prevista fil-punt (b) tal-paragrafu 3, li tippreskrivi speċifikazzjonijiet f'termini ta' twettiq jew ta' rekwiżiti funzjonali, ma jistgħux jirrifjutaw offerta għal xogħol bl-appalt li hi konformi ma' standard nazzjonali li jitraspoż standard Ewropew, approvazzjoni teknika Ewropea jew speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, standard internazzjonali jew materjal ta' riferenza tekniku prodott minn korp Ewropew ta' l-istandards, jekk dawk l-ispeċifikazzjonijiet jirrelataw mat-twettiq meħtieġ jew il-kondizzjonijiet funzjonali meħtieġa.

6. Ħlief f'każijiet eċċezzjonali, regolarment awtorizzati mis-suġġett tal-kuntratt, dawk l-ispeċifikazzjonijiet ma jistgħux jirreferu għal għamla jew sors speċifiċi, jew għal proċess partikolari, jew għal trade marks, privattiv, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifiċi li jkollhom l-effett li jiffavorixxu jew jeliminaw ċerti prodotti jew operaturi ekonomiċi. Fejn mhux possibli li tiġi pprovduta deskrizzjoni dettaljata biżżejjed u intelliġibbli tas-suġġett tal-kuntratt, ir-riferenza għandha tkun segwita bl-espressjoni "jew ekwivalenti".

Artikolu 71

1. Id-dokumenti relatati mas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jiddikjaraw b'mod ċar jekk prezz sod u li ma jistax ikun rivedut għandu jiġi ikkwotat.

2. Jekk dak mhux il-każ, id-dokumenti relatati mas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet u/jew il-formoli għal reviżjoni tal-prezzijiet matul il-validità tal-kuntratt. F'tali każijiet l-awtorità kontraenti għandha tqis b'mod partikolari:

(a) l-oġġett tal-proċedura ta' prokura u s-sitwazzjoni ekonomika li fiha tkun qed iseħħ;

(b) it-tip ta' kompiti u ta' kuntratt u t-tul tagħhom;

(ċ) l-interessi finanzjarji tagħha.

Artikolu 72

1. Mingħajr ħsara għall-applikazzjoni ta' penalitajiet stabbiliti fil-kuntratt, kandidati jew offerenti u kuntratturi li kienu ħatja ta' dikjarazzjonijiet foloz jew li nstabu li naqsu b'mod serju milli jilħqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom fi proċedura ta' prokura iktar bikrija għandhom jiġu eskluż mill-kuntratti u għotjiet kollha iffinanzjati mill-budget ġenerali ta' l-Aġenzija għal żmien massimu ta' sentejn minn meta jiġi stabbilit il-ksur, kif ikun ikkonfermat wara proċedura kontra l-kuntrattur.

Dak il-perjodu jista' jiġi estiż għal tlett snin fl-eventwalità ta' offiża ripetuta fi żmien ħames snin mill-ewwel ksur.

Offerenti jew kandidati li kienu ħatja li għamlu dikjarazzjonijiet foloz għandhom ukoll jirċievu penalitajiet finanzjarji li jirrapreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali tal-kuntratt li jkun qed jiġi mogħti.

Kuntratturi li nstabu li naqsu b'mod serju li jilħqu l-obbligi kuntrattwali tagħhom għandhom jirċievu penalitajiet finanzjarji li jirrapreżentaw minn 2 % sa 10 % tal-valur totali tal-kuntratt in kwistjoni.

Dik ir-rata tista' tiżdied għal 4 % sa 20 % fl-eventwalità ta' offiża ripetuta fi żmien ħames snin mill-ewwel ksur.

2. Fil-każijiet msemmija fil-punti (a), (ċ) u (d) ta' l-Artikolu 43(1), il-kandidati jew l-offerenti għandhom jiġu eskluż mill-kuntratti u l-għotjiet kollha għal żmien massimu ta' sentejn miż-żmien meta jkun stabbilit il-ksur, kif ikkonfermat wara proċedura ta' avversità mal-kuntrattur.

Fil-każijiet msemmija fil-punti (b) u (e) ta' l-Artikolu 43(1), il-kandidati jew l-offerenti għandhom jiġu eskluż mill-kuntratti u l-għotjiet kollha għal żmien minimu ta' sena u żmien massimu ta' erba' snin mid-data tan-notifika tas-sentenza.

Dawk il-perjodi jistgħu jiġu estiżi għal ħames snin fl-eventwalità ta' offiża ripetuta fi żmien ħames snin mill-ewwel ksur jew l-ewwel sentenza.

3. Il-każijiet msemmija fil-punt (e) ta' l-Artikolu 43(1) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) każijiet ta' frodi kif msemmija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mfassla bl-Att tal-Kunsill tas- 26 ta' Lulju 1995 ([1]);

(b) każijiet ta' korruzzjoni kif msemmija fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imfassla bl-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997 ([2]);

(ċ) każijiet ta' parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif definita fl-Artikolu 2(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 98/733/ĠAI tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1998 dwar li jsir reat kriminali li tipparteċipa f' organizzazzjoni kriminali fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([3]);

(d) każijiet ta' ħasil ta' flus kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus ([4]).

Artikolu 73

1. L-awtorità kontraenti għandha taċċetta, bħala prova sodisfaċenti li l-kandidat jew l-offerent mhux f'waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti fil-punt (a), (b) jew (e) ta' l-Artikolu 43(1), produzzjoni ta' estratt riċenti minn reġistru ġudizzjarju jew, fin-nuqqas ta' dan, dokument ekwivalenti riċenti maħruġ minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva fil-pajjiż ta' oriġini jew provenjenza li juri li dawn ir-rekwiżiti huma sodisfatti.

2. L-awtorità kontraenti għandha taċċetta, bħala prova sodisfaċenti li l-kandidat jew l-offerent mhux fis-sitwazzjoni deskritti fil-punt (d) ta' l-Artikolu 43(1), ċertifikat riċenti maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat.

Fejn l-ebda tali ċertifikat ma hu maħruġ fil-pajjiż ikkonċernat, tista' teħodlu postu dikjarazzjoni maħlufa, jew fin-nuqqas ta' din, dikjarazzjoni solenni magħmula mill-parti interessata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, nutar jew korp professjonali kwalifikat fil-pajjiż ta' oriġini jew provenjenza tiegħu.

3. Skond il-leġislazzjoni nazzjonali tal-pajjiż li fih hu stabbilit l-offerent jew il-kandidat, id-dokumenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jirrelataw ma' persuni ġuridiċi u/jew persuni fiżiċi inkluż, fejn ikun ikkunsidrat meħtieġ mill-awtorità kontraenti, diretturi ta' kumpanniji jew kwalunkwe persuna b'setgħat ta' rappreżentazzjoni, teħid ta' deċizjonijiet jew kontroll b'relazzjoni mal-kandidat jew l-offerent.

Artikolu 74

1. L-Aġenzija għandha tfassal kriterji ta' għażla li huma ċari u mhux diskriminatorji.

2. Il-kriterji ta' għażla li ġejjin għandhom japplikaw f'kull proċedura ta' akkwist:

(a) l-eliġibilità ta' l-offerent jew tal-kandidat li jieħu sehem fil-proċedura, wara li jkunu saru l-verifiki fuq ir-raġunijiet possibli għal esklużjoni msemmija fl-Artikoli 43 u 44;

(b) kriterji biex tkun verifikata l-kapaċità finanzjarja, ekonomika, teknika u professjonali tiegħu. L-awtorità kontraenti tista' tistabbilixxi livelli ta' kapaċita minimi taħt liema ma tistax tagħżel kandidati.

3. Kwalunkwe offerent jew kandidat jista' jintalab li jagħti prova li hu awtorizzat li jwettaq il-kuntratt skond il-liġi nazzjonali, bħal ma hu muri b'inklużjoni f'reġistru professjonali jew ta' kummerċ, jew dikjarazzjoni jew ċertifikat maħlufa, sħubija f'organizzazzjoni speċifika, awtorizzazzjoni espressa, jew dħul fir-reġistru tal-VAT.

4. L-Aġenzija għandha tispeċifika fl-avviż ta' kuntratt jew fis-sejħa għal esperessjonijiet ta' interess jew is-sejħa għas-sottomissjoni ta' offerta għal xogħol bl-appalt, ir-referenzi magħżula biex jeżaminaw l-istatus u l-kapaċità legali ta' l-offerenti jew tal-kandidati.

5. L-informazzjoni mitluba mill-awtorità kontraenti bħala prova tal-kapaċità finanzjarja, ekonomika, teknika u professjonali tal-kandidat jew ta' l-offerent ma tistax tmur lil hemm mis-suġġett tal-kuntratt u għandha tieħu kont ta' l-interessi leġittimi ta' l-operaturi ekonomiċi fir-rigward b'mod partikolari tal-protezzjoni tas-sigrieti tekniċi u kummerċjali tad-ditta.

([1]) ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 48.
([2]) ĠU C 195, tal-25.6.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 351, tad-29.12.1998, p. 1.
([4]) ĠU L 166, tat-28.6.1991, p. 77. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, tat-28.12.2001, p. 76).

Artikolu 75

1. Prova ta' kapaċità ekonomika u finanzjarja tista' tiġi pprovduta permezz ta' wieħed jew iktar mid-dokumenti li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet xierqa minn banek jew prova ta' assigurazzjoni ta' indennizz ta' riskju professjonali;

(b) il-preżentazzjoni ta' balance sheets jew estratti minn balance sheets għal minn ta' l-inqas l-aħħar sentejn ta' liema l-kontijiet ġew magħluqa, fejn pubblikazzjoni tal-balance sheet hija meħtieġa skond il-liġi tal-kumpanniji tal-pajjiż fejn ikun stabbilit l-operatur ekonomiku;

(ċ) dikjarazzjoni ta' turnover globali u turnover dwar ix-xogħlijiet, provvisti jew servizzi koperti bil-kuntratt matul perjodu li ma jistax ikun iktar mill-aħħar tlett snin finanzjarji.

2. Jekk, għal xi raġuni eċċezzjonali li l-awtorità kontraenti tikkunsidra ġustifikata, l-offerent jew il-kandidat ma jkunx jista' jipprovdi r-referenzi mitluba mill-awtorità kontraenti, jista' jipprova l-kapaċità ekonomika u finanzjarja tiegħu bi kwalunkwe mezz ieħor li l-awtorità kontraenti tikkunsidra xieraq.

3. Operatur ekonomiku jista', fejn hu xieraq u għal kuntratt partikolari, iserraħ fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ, għandu jipprova lill-awtorità kontraenti li ser ikollu għad-disposizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt, per eżempju billi jipprovdi impenn minnaħa ta' dawk l-entitajiet li jpoġġu dawk ir-riżorsi għad-disposizzjoni tiegħu.

Artikolu 76

1. Il-kapaċità teknika u professjonali ta' l-operaturi ekonomiċi għandha tkun stmata u verifikata skond il-paragrafi 2 u 3. Fi proċeduri ta' prokura għal provvisti li jeħtieġu operazzjonijiet ta' installazzjoni jew fuq il-post, servizzi u/jew xogħlijiet, tali kapaċità għandha tkun valutata fir-rigward, b'mod partikolari, għall-ħila, l-effiċenzja, l-esperjenza u l-kredibilità tagħhom.

2. Prova tal-kapaċità teknika u professjonali ta' dak li jipprovdi s-servizz jew tal-kuntrattur tista', skond in-natura, il-kwantità jew id-dimensjoni u l-għan tal-provvisti, tas-servizzi jew tax-xogħlijiet li għandhom ikunu pprovduti, tiġi pprovduta fuq il-bażi tad-dokumenti li ġejjin:

(a) il-kwalifiki edukattivi jew professjonali ta' dak li jipprovdi s-servizz jew tal-kuntrattur u/jew dawk tal-persunal li għandu f'idejh it-tmexxija u, b'mod partikolari, dawk tal-persuna jew persuni li hi jew huma responsabbli biex tipprovdi jew jipprovdu s-servizzi jew iwettqu x-xogħlijiet;

(b) lista:

(i) tas-servizzi prinċipali pprovduti u tal-provvisti kunsinjati fl-aħħar tlett snin, bis-somom, id-dati u min irċevihom, pubbliki jew privati;

(ii) tax-xogħlijiet mwettqa fl-aħħar ħames snin, bis-somom, id-dati u l-post. Il-lista tax-xogħlijiet l-iktar importanti għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikati ta' eżekuzzjoni sodisfaċenti, li tispeċifika jekk ikunux twettqu b'mod professjonali u jkunux tkomplew għal kollox.

(ċ) deskrizzjoni tat-tagħmir tekniku, għodda u makkinarju li għandhom jintużaw minn dak li jipprovdi s-servizz jew mill-kuntrattur biex twettaq kuntratt ta' servizz jew xogħlijiet;

(d) deskrizzjoni tal-miżuri użati biex tiġi żgurata l-kwalità tal-provvisti u tas-servizzi, u deskrizzjoni tal-faċilitajiet ta' dak li jipprovdi s-servizz jew tal-kuntrattur għal studju u riċerka;

(e) indikazzjoni tat-tekniċi jew korpi tekniċi involuti, kemm jekk ikunu ta' dak li jipprovdi s-servizz jew tal-kuntrattur kif ukoll jekk le, b'mod speċjali dawk li huma responsabbli għall-kontroll tal-kwalità;

(f) fir-rigward tal-provvisti: kampjuni, deskrizzjonijiet u/jew ritratti awtentikati u/jew ċertifikati mfassla minn istituti jew aġenziji uffiċċjali ta' kontroll tal-kwalità ta' kompetenza magħrufa li jaffermaw il-konformità tal-prodotti ma' l-ispeċifikazzjonijiet jew standards fis-seħħ;

(g) dikjarazzjoni tal-medja annwali tan-numru ta' nies tax-xogħol u n-numru ta' persunal li għandu f'idejn it-tmexxija ta' dak li jipprovdi s-servizz jew tal-kuntrattur fl-aħħar tlett snin;

(h) indikazzjoni tal-proporzjon tal-kuntratt li dak li jipprovdi s-servizz jew kuntrattur jista' jkollu l-ħsieb li jgħaddi lil ħaddieħor.

Fejn is-servizzi jew il-provvisti msemmija fil-punt (b)(i) huma pprovduti lill-Aġenzija, prova ta' twettiq għandha tkun fil-forma ta' ċertifikati maħruġa jew kontra-firmati mill-awtorità kompetenti.

3. Fejn is-servizzi jew il-prodotti li jridu jiġu pprovduti huma kumplessi jew, eċċezzjonalment, huma meħtieġa għal għan speċjali, prova ta' kapaċità teknika u professjonali tista' tiġi żgurata permess ta' kontroll magħmul mill-awtorità kontraenti jew f'isimha minn korp uffiċċjali kompetenti tal-pajjiż li fih hu stabbilit dak li jipprovdi s-servizz jew kuntrattur, suġġett għal qbil minn dak il-korp. Tali kontrolli għandhom ikollhom x'jaqsmu mal-kapaċità teknika u ta' produzzjoni ta' dak li jipprovdi s-servizz jew kuntrattur u, jekk ikun meħtieġ, mal-faċilitajiet tiegħu għal studju u riċerka u mal-miżuri ta' kontroll tal-kwalità.

4. Dak li jipprovdi s-servizz jew kuntrattur jista', fejn hu xieraq u għal kuntratt partikolari, iserraħ fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament tan-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ, għandu jipprova lill-awtorità kontraenti li ser ikollu għad-disposizzjoni tiegħu r-riżorsi meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt, per eżempju billi jipprovdi impenn min-naħa ta' dawk l-entitajiet li jpoġġu dawk ir-riżorsi għad-disposizzjoni tiegħu.

Artikolu 77

1. Il-kuntratti għandhom jiġu mogħtija f'wieħed minn dawn iż-żewġ modi li ġejjin:

(a) skond il-proċedura ta' għoti awtomatiku, f'liema każ il-kuntratt huwa mogħti lill-offerta għal xogħol bl-appalt li, fil-waqt li tkun kif suppost u tissodisfa l-kondizzjonijiet mniżżla, tikkwota l-iktar prezz baxx;

(b) skond il-proċedura ta' l-aħjar valur għall-flus.

2. L-offerta għal xogħol bl-appalt li tkun toffri l-aħjar valur għall-flus għandha tkun dik bl-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità, filwaqt li tqis kriterji ġustifikati bis-suġġett tal-kuntratt bħal ma hu l-prezz ikkwotat, meritu tekniku, karatteristiċi estetiċi u funzjonali, karatteristiċi ambjentali, spejjeż ta' l-operat, tkomplija ta' profitt jew żminijiet tal-kunsinna, servizz ta' wara l-bejgħ u għajnuna teknika.

3. L-awtorità kontraenti għandha tispeċifika, fl-avviż ta' kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet, l-ippeżar li ser tapplika għal kull wieħed mill-kriterji biex jiġi determinat l-aħjar valur għall-flus.

L-ippeżar applikat għall-prezz b'relazzjoni mal-kriterji l-oħra ma għandux jirriżulta fin-newtralizzazzjoni tal-prezz fl-għażla ta' kuntrattur.

Jekk, f'każijiet eċċezzjonali, huwa teknikament impossibli li jsir ippeżar, b'mod partikolari minħabba s-suġġett tal-kuntratt, kull ma l-awtorità kontraenti għandha tagħmel huwa li tispeċifika l-ordni nieżla 'l isfel ta' l-importanza li fiha għandhom jiġu applikati l-kriterji.

Artikolu 78

1. Jekk, għal kuntratt partikolari, l-offerti għal xogħol bl-appalt jidhru li huma baxxi b'mod anormali, l-awtorità kontraenti għandha, qabel ma tirrifjuta tali offerti għal xogħol bl-appalt għal dik ir-raġuni waħidha, titlob bil-miktub dettalji ta' l-elementi kostitwenti ta' l-offerta għal xogħol bl-appalt li hi tqis rilevanti u għandha tivverifika dawk l-elementi kostitwenti, wara li jkunu nstemgħu l-partijiet kif dovut, filwaqt li jitqiesu l-ispjegazzjonijiet riċevuti.

L-awtorità kontraenti tista', b'mod partikolari, tikkunsidra spjegazzjonijiet relatati ma':

(a) l-ekonomija tal-proċess ta' manifattura, tal-provvediment ta' servizzi jew tal-metodu ta' kostruzzjoni;

(b) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula jew il-kondizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għall-offerent;

(ċ) l-oriġinalità ta' l-offerta għal xogħol bl-appalt.

2. Fejn l-awtorità kontraenti tistabbilixxi li offerta għal xogħol bl-appalt hija baxxa b'mod anormali bħala riżultat ta' l-għajnuna ta' l-Istat ipprovduta, tista' tirrifjuta l-offerta għal xogħol bl-appalt għal dik ir-raġuni waħidha biss jekk l-offerent mhux f'posizzjoni li jagħti prova, fi żmien raġonevoli ddeterminat mill-awtorità kontraenti, li l-għajnuna in kwistjoni ġiet mogħtija b'mod definittiv u skond il-proċeduri u d-deċiżjonijiet speċifikati fir-regoli tal-Komunità dwar l-għajnuna ta' l-Istat.

Artikolu 79

1. Il-limiti ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt u talbiet għal parteċipazzjoni, mniżżlin fi ġranet tal-kalendarju mill-Aġenzija, għandhom ikunu twal biżżejjed biex jippermettu lill-partijiet interessati perjodu raġonevoli u xieraq biex jippreparaw u jissottomettu l-offerti tagħhom għal xogħol bl-appalt, filwaqt li wieħed iqis b'mod partikolari l-komplessità tal-kuntratt jew il-ħtieġa li wieħed iżur is-sit jew jikkonsulta fuq il-post id-dokumenti annessi ma' l-ispeċifikazzjonijiet.

2. Fi proċeduri miftuħa, il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt għandu jkun mhux inqas minn tnejn u ħamsin jum mid-data li fiha jiġi trasmess l-avviż ta' kuntratt.

3. Fi proċeduri ristretti u negozjati fejn avviż ta' kuntratt huwa ppubblikat, il-limitu ta' żmien biex jaslu talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun mhux inqas minn sebgħa u tletin jum mid-data li fiha jiġi trasmess l-avviż ta' kuntratt.

Fi proċeduri ristretti għal kuntratti li huma 'l fuq mil-livelli stabbiliti fl-Artikolu 68, il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt għandu jkun mhux inqas minn erbgħin jum mid-data li fiha ġiet trasmessa s-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt.

Fil-proċeduri ristretti msemmija fl-Artikolu 65, il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt għandu jkun mhux inqas minn wieħed u għoxrin jum mid-data li fiha tiġi trasmessa s-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt.

4. Fejn l-Aġenzija, skond l-Artikolu 55, tkun bagħtet għall-pubblikazzjoni avviż ta' pre-informazzjoni li jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-avviż tal-kuntratt mhux inqas minn tnejn u ħamsin jum u mhux iktar minn tnax-il xahar qabel id-data li fiha jiġi trasmess l-avviż ta' kuntratt, il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt jista' ġeneralment jiġi mnaqqas għal sitta u tletin jum imma taħt l-ebda ċirkostanza ma għandu jkun inqas minn tnejn u għoxrin jum mid-data li fiha jiġi trasmess l-avviż ta' kuntratt, fil-każ ta' proċeduri miftuħa, jew jista' jiġi mnaqqas għal sitta u għoxrin jum mid-data li fiha tiġi trasmessa s-sejħa għal sottomissjoni ta' offerta għal xogħol bl-appalt, fil-każ ta' proċeduri ristretti.

Artikolu 80

1. Sakemm it-talba kienet saret sew qabel il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' offerti għal xogħol bl-appalt, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti addizzjonali għandhom jintbagħtu, fi żmien sitt ijiem tal-kalendarju minn meta tasal it-talba, lill-operaturi ekonomiċi kollha li talbu l-ispeċifikazzjonijiet jew urew interess li jissottomettu offerta għal xogħol bl-appalt.

2. Sakemm tkun ġiet mitluba fi żmien xieraq, informazzjoni addizzjonali relatata ma' l-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi pprovduta fl-istess ħin lill-operaturi ekonomiċi li talbu l-ispeċifikazzjonijiet jew li urew interess li jissottomettu offerta għal xogħol bl-appalt mhux iktar tard minn sitt ijiem qabel il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt jew, fil-każ ta' talbiet għal informazzjoni li waslu inqas minn tmint ijiem tal-kalendarju qabel il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt, kemm jista' jkun malajr wara li tasal it-talba.

3. Jekk, għal kwalunkwe raġuni, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali ma jistgħux jiġu fornuti fil-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, jew fejn offerti għal xogħol bl-appalt jistgħu jsiru biss wara żjara lis-sit jew wara konsultazzjoni fuq il-post tad-dokumenti annessi ma' l-ispeċifikazzjonijiet, il-limiti ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt msemmija fl-Artikolu 79 għanhom jiġu estiżi biex jagħmluha possibli għall-operaturi ekonomiċi kollha biex isiru familjari ma' l-informazzjoni kollha mitluba għat-tħejjija ta' l-offerti għal xogħol bl-appalt. Dik l-estensjoni għandha tiġi riklamata b'mod xieraq, skond lArtikoli 55 sa 58.

4. Jekk id-dokumenti kollha tas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt huma aċċessibli liberalment, direttament u b'mod sħiħ permezz ta' mezzi elettroniċi, l-avviż ta' kuntratt msemmi fl-Artikolu 55(3) għandu jagħti l-indirizz ta' l-Internet fejn jistgħu jiġu konsultati dawk id-dokumenti.

F'tali każijiet, kwalunkwe dokument u informazzjoni addizzjonali għandhom ukoll jsiru aċċessibli liberalment, direttament u b'mod sħiħ hekk kif jiġu fornuti lill-operaturi ekonomiċi kollha li talbu l-ispeċifikazzjonijiet jew li urew interess li jissottomettu offerta għal xogħol bl-appalt.

Artikolu 81

1. Fejn urġenza sostanzjata b'mod xieraq tagħmel imprattikabbli l-limiti ta' żmien mniżżla fl-Artikolu 79(3), l-Aġenzija tista' tistabbilixxi l-limiti ta' żmien li ġejjin, espressi f'jiem tal-kalendarju:

(a) limitu ta' żmien biex jaslu talbiet għal parteċipazzjoni li ma jistax ikun inqas minn ħmistax-il jum mid-data li fiha l-avviż ta' kuntratt kien trasmess;

(b) limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt li ma jistax ikun inqas minn għaxart ijiem mid-data tas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt.

2. Sakemm ġiet mitluba biżżejjed minn qabel, informazzjoni addizzjonali dwar l-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi ikkomunikata lill-kandidati kollha mhux iktar tard minn erbat ijiem tal-kalendarju qabel il-limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti għal xogħol bl-appalt.

Sezzjoni 3

Ipproċessar ta' offerti għal xogħol bl-appalt u talbiet għal parteċipazzjoni

Artikolu 82

1. Talbiet biex wieħed jipparteċipa għandhom jiġu sottomessi permezz ta' ittra, fax jew posta elettronika; talbiet sottomessi b'fax jew b'posta elettronika għandhom jiġu kkonfermati permezz ta' ittra qabel l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 79.

2. L-offerenti jistgħu jissottomettu offerti għal xogħol bl-appalt:

(a) bil-posta, għal liema għanijiet id-dokumenti tas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jispeċifikaw li d-data rilevanti għandha tkun id-data ta' meta jintbagħtu b'posta reġistrata, kif muri bit-timbru; jew

(b) meħuda bl-idejn fil-bini ta' l-Aġenzija mill-offerent innifsu jew minn aġent, inkluż servizz ta' kurjer; għal liema għanijiet id-dokumenti tas-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jispeċifikaw, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' l-Artikolu 69(2), id-dipartiment fejn għandhom jintbagħtu l-offerti għal xogħol bl-appalt u fejn għandha tingħata riċevuta iffirmata u datata.

3. Sabiex tinżamm is-segretezza u biex jiġu evitati kwalunkwe diffikultajiet fejn l-offerti għal xogħol bl-appalt huma mibgħuta bil-posta, is-sejħa għal offerta għal xogħol bl-appalt għandha tinkludi d-disposizzjoni li ġejja:

"Offerti għal xogħol bl-appalt għandhom jiġu sottomessi f'envelop issiġillat li hu stess ikun magħluq ġo envelop ieħor issiġillat. L-envelop ta' ġewwa għandu jkollu, flimkien ma' l-isem tad-dipartiment lil min hu indirizzat, kif muri fis-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt, il-kliem Sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt — Ma għandux jinfetaħ mis-servizz tal-posta. Jekk jintużaw envelops *self-adhesive*, għandhom jiġu issiġillati b'tejp li jwaħħal u l-mittent irid jiffirma min-naħa għal oħra tat-tejp."

Artikolu 83

1. It-talbiet kollha għal parteċipazzjoni u l-offerti għal xogħol bl-appalt li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 82(1) u (2) għandhom jinfetħu.

2. Fejn il-valur ta' kuntratt jaqbeż il-livell stabbilit fl-Artikolu 66(2), l-uffiċċjal responsabbli li jawtorizza għandu jaħtar kumitat biex jiftaħ l-offerti għal xogħol bl-appalt.

Il-kumitat għandu jkun magħmul minn ta' l-inqas tlett persuni li jirrapreżentaw minn ta' l-inqas żewġ entitajiet organizzattivi ta' l-Aġenzija mingħajr ebda rabta ġerarkika bejniethom. Dawk il-persuni għandhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interess.

3. Membru wieħed jew iktar tal-kumitat inkarigat li jiftaħ għandu jpoġġi l-inizzjali tiegħu fuq id-dokumenti bħala prova tad-data u l-ħin ta' trasmissjoni ta' kull offerta għal xogħol bl-appalt.

Huma għandhom ukoll ipoġġu l-inizzjali tagħhom:

(a) jew f'kull paġna ta' kull offerta għal xogħol bl-appalt, jew

(b) il-paġna ta' quddiem u l-paġni li jkollhom id-dettalji finanzjarji ta' kull offerta għal xogħol bl-appalt, l-integrità ta' l-offerta għal xogħol bl-appalt inizzjali b'ħekk tkun garantita bi kwalunkwe teknika xierqa użata minn dipartiment li huwa indipendenti mid-dipartiment ta' l-awtorizzazzjoni.

Fejn il-kuntratt hu mogħti skond il-proċedura ta' għoti awtomatiku skond il-punt (a) ta' l-Artikolu 77(1), il-prezzijiet ikkwotati f'offerti għal xogħol bl-appalt li jissodisfaw ir-rekwiżiti għandhom jiġu magħmula pubbliċi.

Il-membri tal-kumitat għandhom jiffirmaw ir-rekord bil-miktub tal-ftuħ ta' l-offerti għal xogħol bl-appalt li waslu, li għandu jidentifika dawk l-offerti għal xogħol bl-appalt li jissodisfaw ir-rekwiżiti u dawk li ma jissodisfawhomx, u li għandu jagħti r-raġuni għal-liema offerti għal xogħol bl-appalt ġew rifjutati minħabba nuqqas ta' konformità, b'riferenza għall-metodi ta' kif jiġu sottomessi offerti għal xogħol bl-appalt msemmija fl-Artikolu 82.

Artikolu 84

1. It-talbiet kollha għal parteċipazzjoni u l-offerti għal xogħol bl-appalt dikjarati bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti għandhom jiġu stmati u kklassifikati minn kumitat ta' evalwazzjoni fuq il-bażi tal-kriterji ta' esklużjoni, selezzjoni u għoti mħabbra minn qabel.

Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jinħatar mill-uffiċċjal ta' l-awtorizzazzjoni responsabbli biex jagħti opinjoni konsultattiva għal kuntratti b'valur ta' 'l fuq mil-limitu msemmi fl-Artikolu 66(2).

2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jkun magħmul minn ta' l-inqas tlett persuni li jirrapreżentaw minn ta' l-inqas żewġ entitajiet organizzattivi ta' l-Aġenzija konċernata mingħajr l-ebda rabta ġerarkika bejniethom. Dawk il-persuni għanhom jevitaw kwalunkwe kunflitt ta' interessi. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul mill-istess membri bħal kumitat li jkun qed jiftaħ l-offerti għal xogħol bl-appalt.

3. Talbiet għal parteċipazzjoni u offerti għal xogħol bl-appalt li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha essenzjali stabbiliti fid-dokumentazzjoni ta' sostess għal sejħiet għal offerti għal xogħol bl-appalt jew il-kondizzjonijiet speċifiċi meħtiega stabbiliti hemmhekk għandhom jiġu eliminati.

Madankollu, il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jitlob lill-kandidtai jew lill-offerenti biex jipprovdu materjal addizzjonali jew biex jiċċaraw id-dokumenti ta' sostenn sottomessi b'rabta mal-kriterji ta' esklużjoni u għażla, f'limitu ta' żmien speċifikat.

4. Fil-każ ta' offerti għal xogħol bl-appalt li huma baxxi b'mod anormali kif msemmi fl-Artikolu 78, il-kumitat ta' evalwazzjoni għandu jitlob kwalunkwe informazzjoni rilevanti rigward il-kompożizzjoni ta' l-offerta għal xogħol bl-appalt.

Artikolu 85

Id-disposizzjonijiet finanzjarji preżenti ma għandhomx jaffettwaw miżuri li diġa' jeżistu meħuda minn Stati Membri skond l-Artikolu 296 TKE jew skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/50/KEE, l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista [1] jew l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħolijiet pubbliċi [2].

TITOLU IV

KONTROLL, VERIFIKA U PRESENTAZZJONI TAL-KONTIJIET

Artikolu 86

Kull tlett xhur il-Kap Eżekuttiv għandu jippreżenta lill-Bord Direttiv rapport dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq matul it-tlett xhur preċedenti u mill-bidu tas-sena finanzjarja.

Artikolu 87

1. Verifika esterna tan-nefqa u tad-dħul amministrati mill-Aġenzija għandha ssir wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja.

2. Barra minn hekk, il-Bord Direttiv, fuq il-bażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv jew Stat Membru, jista' fi kwalunkwe ħin jaħtar awdituri esterni, li l-kompiti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg tagħhom għandhom jiġu determinati minnu.

3. Bil-ħsieb ta' verifiki esterni, kulleġġ ta' awdituri magħmul minn sitt membri għandu jiġi stabbilit. Kull sena il-Bord Direttiv għandu jaħtar, għal perjodu ta' tlett snin li ma jistax jiġi mġedded, żewġ membri minn kandidati proposti mill-Istati Membri. Il-kandidati jridu jkunu membri ta' korp tal-verifika nazzjonali fi Stat Membru u joffru garanziji xierqa ta' sigurtà u ndipendenza. Huma għandhom ikunu disponibbli li jwettqu kompiti f'isem l-Aġenzija kif meħtieġ. Fit-twettiq ta' dawn il-kompiti:

(a) il-membri tal-kulleġġ għandhom ikomplu jiġu mħallsa mill-korp tal-verifika ta' l-oriġini u għandhom jirċievu biss mill-Aġenzija rimbors ta' l-ispejjeż tagħhom tal-missjoni fuq l-istess bażi kif previst bir-regoli applikabbli għal uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej ta' grad ekwivalenti;

(b) m' għandhom la jitolbu u lanqas jirċievu istruzzjonijiet ħlief mill-Bord Direttiv; fil-mandat tiegħu ta' verifika, il-Kulleġġ ta' Awdituri u l-membri tiegħu għandhom ikunu kompletament indipendenti u responsabbli biss biex issir il-verifika esterna;

(ċ) għandhom jirrapurtaw biss dwar il-kompitu tagħhom lill-Bord Direttiv;

(d) għandhom jivverifikaw li d-dħul u l-infiq amministrat mill-Aġenzija ġie implimentat b'mod konformi mal-leġislazzjoni applikabbli u l-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja soda, jiġifieri skond il-prinċipji ta' ekonomija, effikaċja u effiċjenza.

4. Kull sena l-Kulleġġ ta' Awdituri għandu jeleġġi l-president tiegħu għas-sena finanzjarja li tkun ġejja. Għandu jadotta regoli applikabbli għal verifiki magħmula mill-membri tiegħu skond l-istandards internazzjonali l-iktar għoljin. Il-Kulleġġ ta' l-Awdituri għandu japprova r-rapporti tal-verifika mfassla mill-membri tiegħu qabel ma jiġu mgħoddija lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord Direttiv.

5. Il-persuni responsabbli biex jagħmlu verifika tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija għandhom, qabel iwettqu l-kompitu tagħhom, ikunu irċevew permess għal aċċess għal informazzjoni klassifikata sa minn ta' l-inqas il-livell "UE sigrieta" miżmum mill-Kunsill, jew permess ekwivalenti minn Stat Membru, kif xieraq. Dawk il-persuni għandhom jiżguraw li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni u jipproteġu d-data li jsiru jafu biha matul il-kompitu tagħhom ta' verifika, skond ir-regoli applikabbli għal dik l-informazzjoni u data.

6. Il-persuni responsabbli għall-verifika tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija għandhom ikollhom aċċess mingħajr dewmien u mingħajr ma javżaw minn qabel għad-dokumenti u għal-kontenuti għas-sostenni tad-data kollha relatati ma' dak id-dħul u l-infiq, u għall-bini fejn huma miżmuma dawk id-dokumenti u sostenni. Jistgħu jagħmlu kopji. Il-persuni involuti fl-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija għandhom jagħtu lid-Direttur Eżekuttiv u lill-persuni responsabbli mill-verifika ta' dik l-ispiża l-għajnuna meħtieġa fit-twettiq tal-kompitu tagħhom. L-ispiża tal-verifiki magħmula mill-awdituri għandha tittieħed mill-*budget* ġenerali ta' l-Aġenzija.

[1] ĠU L 199, tad-9.8.1993 p. 1. Direttiva mħassra mid-Direttiva 2004/18/KE.
[2] ĠU L 199, tad-9.8.1993 p. 54. Direttiva mħassra mid-Direttiva 2004/18/KE.

Artikolu 88

1. Sal-31 ta' Marzu wara t-tmiem tas-sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv, bl-għajnuna ta' l-uffiċċjal kontabbli, għandu jfassal u jissottometti lill-Kulleġġ ta' l-Awdituri, għal eżaminazzjoni u opinjoni, l-abbozz tal-kontijiet annwali ta' tmexxija, l-abbozz tal-*balance sheet* annwali u abbozz tar-rapport ta' attività.

2. Il-kontijiet annwali ta' tmexxija għandhom juru għal kull *budget* immexxi mill-approprjazzjonijiet ta' l-Aġenzija, nefqa impenjata u mħallsa, kif ukoll dħul varju u dħul minn Stati Membri u partijiet oħra. Il-*balance sheet* għandha turi bħala attiv l-assi kollha li huma ta' l-Aġenzija, filwaqt li tqis id-dipressjoni u kwalunkwe telf jew diżattivazzjoni, u għanha turi r-riservi tagħha bħala passiv.

3. Il-Kulleġġ ta' l-awdituri għandu jagħti l-opinjoni u l-osservazzjonijiet tiegħu fuq id-dokumenti msemmija f' (2) sal-15 ta' Ġunju wara t-tmiem tas-sena finanzjarja.

4. Sal-31 ta' Lulju wara t-tmiem tas-sena finanzjarja, id-Direttur Eżekuttiv għandu jissottometti d-dokumenti msemmija f' (2) flimkien ma' l-opinjoni u l-osservazzjonijiet tal-Kulleġġ ta' l-awdituri akkumpanjati bit-tweġibiet tiegħu, lill-Bord Direttiv.

5. Il-Bord Direttiv għandu japprova l-kontijiet annwali ta' tmexxija u l-*balance sheets*. Għandu jagħti rilaxx lid-Direttur Eżekuttiv u lill-uffiċċjal kontabbli għas-sena finanzjarja in kwistjoni.

6. Il-kontijiet annwali ta' tmexxija u l-*balance sheet* annwali, meta approvati, għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

7. Il-kontijiet u l-inventarji kollha għandhom jinżammu mill-uffiċċjal kontabbli għal perjodu ta' ħames snin mid-data li fiha ġie mogħti r-rilaxx marbut magħhom.

Artikolu 89

1. Il-bilanċ minn kull sena finanzjarja għandu jiddaħħal fil-*budget* għas-sena finanzjarja li jkun imiss bħala dħul fil-każ ta' eċċess jew bħala approprjazzjoni ta' ħlas fil-każ ta' defiċit.

2. L-estimi ta' tali dħul jew approprjazzjonijiet ta' ħlas għandhom jiddaħħlu fil-*budget* għas-sena li jkun imiss matul il-proċedura annwali tal-*budget*.

3. Wara li jkunu approvati l-kontijiet għal kull sena finanzjarja, kwalunkwe diskrepanza ma' l-estimi għandha tiddaħħal fil-*budget* għas-sena li jkun imiss permess ta' *budget* emendatorju.